NEWSPAPER POST

# Il-Belt VICTORIA

*Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex*

Marzu – Ġunju 1998 Nru. 101 / 102

## HARĠA SPEĊJALI

# PUSSES TA' MONS DR ĠUŻEPPI FARRUGIA BĦALA ARĊIPRIET TAL-PARROĊĊA BAŻILKA TA' SAN ĠORĠ MARTRI ~15 TA' FRAR 1998~



IL-BELT VICTORIA
RIVISTA TA' KULL XAHREJN
Uffiċċju Editorjali:
CENTRU PARROKKJALI SAN ĠORĠ
Triq il-Karita`, Victoria, Għawdex. • Tel / Fax : 55 63 77

# EDITORJAL

## WARA L-PUSSESS

Ġew organiżżati festi solenni fl-okkażjoni tal-Pussess ta' Dun Ġużepp Farrugia bħala Arċipriet tal-Parroċċa tagħna. Kulħadd ta sehemu biex irnexxew u nkunu qed ngħidu l-verita' jekk ngħidu li kulħadd laqa' lil Dun Ġużepp bħala l-Arċipriet tagħna. Saret bidla mingħajr skossi u dan hu ta' ġieħ kbir għall-parroċċa tagħna għax juri l-maturita' tal-Komunità tal-parrokkjali.

Wara l-festi u ċ-ċelebrazzjonijiet jibda x-xogħol u mil-laqgħat li saru s'issa jidher ċar li l-Arċipriet il-ġdid għandu programm kbir ta' ħidma li tibni fuq dak kollu li ħallew ta' qablu. L-Arċipriet waħdu ma' jista' jagħmel xejn. Pero' jidher ukoll li l-għajnuna mhix ser tonqos. Il-Kumitati mwaqqfa ġa bdew jaħdmu u j'Alla dan ma jkunx biss entużjażmu ta' l-ewwel ftit xhur. Aħna nawguraw li dawk kollha li qed jiġu msejħa biex jagħtu daqqa t'id, ma' jibqgħux lura u joffru l-għajnuna u l-pariri tagħhom kull meta jkunu mitluba.

Tajjeb ukoll wieħed jgħid li l-Arċipriet għandu r-responsabilita' assoluta tat-tmexxija tal-parroċċa tagħna. Id-deċiżjonijiet jeħodhom hu wara li jkun kkonsulta kemm lill-Presbyterium u l-Kapitlu kif ukoll il-korpi kollha fi ħdan il-Komunità parrokkjali. Imma finalment hu jieħu d-deċiżjoni. J'Alla kulħadd jagħraf dan u kulħadd jkun sottomess għad-deċiżjonijiet li jittieħdu. Nuqqas ta' komprensjoni jkun hemm żgur, għax aħna bnedmin u ma' nistgħux naqblu f'kollox. Imma l-Arċipriet ħa l-kariga u tgħabba bir-responsabilita' kollha, u fuqu, u fuqu biss, taqa' r-responsabilita' li jiddeċiedi fuq kwalunkwe aspett tal-ħajja tal-Komunità parrokkjali.

Aħna konvinti li Dun Ġużepp ser juri għaqal kbir fit-tmexxija u kapaċi jġorr ir-responsabilita' li daħal għaliha. Issa jmiss lilna li f'kull waqt u f'kull ħin naħdmu spalla ma' spalla ma' Dun Ġużepp biex il-ħidma tiegħu tħalli l-frott mixtieq.

Dan hu l-awgurju tagħna wara l-Pussess. Aħna konvinti li l-membri kollha tal-Komunità parrokkjali ser ikunu ħaġa waħda u li ser jiġu evitati firdiet bla bżonn li la huma ta' ġid u wisq u wisq inqas mixtieqa.

# REV. DR. JOSEPH FARRUGIA

## Arċipriet Ġdid

F'ta' Jannar it-tieni għodwa
Ġejt maħtur int Arċipriet;
Kont f'tal-ħamsa l-quddiesa
Xħin inqara d-Digriet.

Il-miġemgħa bdiet iċċapċap
Kif mal-knisja dwiet l-aħbar
Fuq l-uċuħ feġġet tbissima
Fost iż-żgħar, żgħażagħ u kbar.

Minn ġos-Sema Ġorġi tagħna
Il-Gwerrier qalbien tribun
Magħna jifraħ, jawguralek
Tal-Parroċċa bik fit-tmun.

Illum nigdeb jekk nistqarrlek
Li dil-bxara ma ħlomt qatt!
W għalhekk issa ħalli ngħidlek
Kun il-bniedem ta' kulħadd.

Isma', għarbel, agħder, aħfer
Xi twissija żid ukoll
Waqt li troxx imħabba w ħlewa
Kull problema tasal tħoll.

Jekk trid passi fuq min timxi
M'hemmx għalfejn titbiegħed wisq;
Smajnieh 'l-Isqof waqt lil sieħbek
Xtaqlu hena, barka w risq.

Xejn la taħseb huwa faċli
Ix-xogħol l'inti dħalt għalih;
Iżda l'aħna warajk, miegħek,
Fuq kull saram, int rebbieħ.

Bħal Patrun Qaddis ta' ismek
Kun missier il-merħla kollha;
Lil Kurat ta' Ars le tinsa
B'hekk tagħraf tqaddes il-folla.

Li l-Mulej għoġbu jafdalek
u jerħilha taħt idejk
Matul l-ewwel jiem tas-sena,
Biex tkompli tiġbidha lejk.

B'dawn il-versi nawguralek
B'għaqal, b'dehen timxi l-Parroċċa
Minn tagħmel int familja
F'għaqda waħda bħal qaqoċċa.

*Kav. Joe M. Attard*
2.1.1998

*Ritratt tal-Faċċata* : JOE ATTARD

# IL-PUSSESS TA' L-ARĊIPRIET MONS. ĠUŻEPPI FARRUGIA

## Ġimgħa ta' Ċelebrazzjonijiet bit-Tema:

# FIDI - LITURĠIJA - KULTURA



*Bejn in-nomina ta' Dun Ġużepp Farrugia bħala Arċipriet tal-Parroċċa tagħna fit-2 ta' Jannar 1998 u l-festi li saru fl-okkażjoni tal-Pusses tiegħu saret ħidma ntensa biex dak li kien ser jiġi ppreparat ikollu sinjifikat. Il-Kumitati mwaqqfa ħadmu bla heda biex iċ-ċelebrazzjonijiet kollha jkollhom tifsira u b'hekk jitwassal messaġġ ċar u awtentiku lill-Komunità Parrokkjali tagħna. Għalhekk intagħżlet it-tema tal-festi -* ***FIDI - LITURĠIJA - KULTURA.***

*Ma setax jonqos li matul il-Ġimgħa ta' ċelebrazzjonijiet jintlaħqu l-kategoriji kollha tal-Komunità Parrokkjali. Ta' min isemmi wkoll li fil-jiem ta' qabel Mons Arċipriet Farrugia mar u qaddes fid-diversi knejjes tal-Belt Victoria biex ikun jista' jwassal l-istedina tiegħu għall-festi tal-pussess lill-membri tal-Komunità tagħna li jiffrekwentaw għal xi bżonnijiet spiritwali dawn il-knejjes. F'kull knisja Dun Ġużepp kellu laqgħa sabieħa u nistgħu ngħidu li minn kif żvolġew il-festi tal-pusess bejn il-Ħadd 8 ta' Frar u l-Ħadd 15 ta' Frar 1998, il-messaġġ tiegħu wasal ċar u ġie mifhum.*



Nhar **il-Ħadd 8 ta' Frar 1998** saret Konċelebrazzjoni Solenni preseduta mir-Rev. Mons. Salv Borg, Arċipriet Emeritus, biex nroddu ħajr lil Alla għall- ħidma fejjieda li wettaq Mons. Borg matul iż-żmien li dam bħala Arċipriet tal-Parroċċa tagħna. Il-Komunità Nisranija ta' San Ġorġ raddet ħajr lill-Missier mhux biss għad-don ewlieni tas-smigħ tal-Kelma li sa mill-qedem Alla għoġbu jżejjen bih il-Komunità Nisranija ta' Beltna, imma wkoll għall-Ministeru Pastorali ta' Mons. Borg u ta' l-Arċipreti u l-Kappillani kollha ta' qablu li kienu qaddejja fidili ta' l-Insara fdati f'idejhom.

Waqt l-omelija f'din l-okkażjoni Mons. Borg radd ħajr lil dawk kollha li kienu ta għajnuna għalih fil-qadi tal-ministeru pastorali li kellu, fil-waqt li Mons Gużeppi Farrugia, l-Arċipriet il-Ġdid fi tmiem il-Konċelebrazzjoni rringrazzjah u ppreżentalu riġal ta' tifkira. Kemm l-Omelija ta' Mons. Borg kif ukoll il-messaġġ ta' l-Arċipriet il-Ġdid f'din l-okkażjoni qed jidhru f'paġni oħra ta' din il-ħarġa speċjali.

Il-Banda Ċittadina "La Stella" u l-Parroċċa ta' San Ġorġ huma marbutin flimkien u baqgħu hekk dejjem sa minn snin twal ilu. Għalhekk kien xieraq u f'waqtu li l-Ħadd 8 ta' Frar fil-għaxija l-Banda La Stella tesegwixxi Programm Sinfoniku fi Pjazza San Ġorġ taħt id-Direzzjoni tas-Surmast Direttur tagħha l-Prof. Joseph Vella B.Mus. (Dunelm), F.L.C.M. Ġew esegwiti xogħlijiet ta' Verdi, Gomez u Vella. Bħala

sinjal ta' ħajr u rikonoxxenza għall-preżenza attiva tal-Banda "La Stella" fil-Komunità Parrokkjali, l-Arċipriet il-Ġdid offra riċeviment għall-Kumitat tas-Soċjeta' flimkien mal-Bandisti u l-familji tagħhom.



Nhar **lt-Tnejn 9 ta' Frar** il-Komunità Parrokkjali ħasbet fil-morda, l-anzjani u dawk li għandhom ħtiġijiet speċjali biex b'hekk jitqajjem dejjem iżjed l-ispirtu ta' mħabba u solidarjeta' ma' dawn il-persuni. Matul dan il-jum, kif ukoll matul il-ġimgħa kollha, għadd ta' saċerdoti u lajċi għamlu żjajjar lill-morda u l-anzjani tal-Parroċċa. Biex ikompli jissaħħaħ l-ispirtu ta' Komunità li Taqdi, diversi membri tal-Komunità Parrokkjali marru jagħtu d-demm fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex.

L-Arċipriet il-Ġdid, Mons. Ġużeppi Farrugia mexxa Konċelebrazzjoni għall-anzjani u persuni bi ħtiġijiet speċjali u ġie amministrat is-Sagrament tal-Griżma tal-Morda. Wara l-Konċelebrazzjoni sar festin fiċ-Ċentru Parrokkjali u ngħatat tifkira lil dawk preżenti.

Nhar it-**Tlieta 10 ta' Frar**, Solennita' tan-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta, kien xieraq li l-Komunità Parrokkjali tiġi sensibilizzata aktar dwar il-prijorita' li għandu jingħata l-Vanġelu fil-ħajja tal-kuljum u dwar ix-xhieda ewlenija li l-familji tagħna għandhom jagħtu lis-soċjeta'. F'din it-tifkira tal-Miġja ta' San Pawl f'Malta l-Komunità Parrokkjali tagħna raddet ħajr lil Alla għad-don tal-Fidi Nisranija u f'kull quddiesa sar it-tiġdid tal-Wegħdiet tal-Magħmudija.

Fil-għaxija Mons Arċipriet G. Farrugia ppresieda Konċelebrazzjoni Solenni bis-sehem tal-Kapitlu u l-Kleru tal-Parroċċa. Waqt din il-Konċelebrazzjoni, il-koppji miżżewġa preżenti ġeddu l-Wegħdiet taż-Żwieġ tagħhom u tliet gruppi familjari taw testimonjanza personali tal-Fidi fil-familji rispettivi tagħhom. L-animazzjoni f'din iċ-ċelebrazzjoni saret mill-Grupp tal-Kant tat-Tfal li jattendu ċ-Ċentru Parrokkjali taħt it-tmexxija ta' Miss Pauline Grech. Wara ċ-ċelebrazzjoni l-familji preżenti ngħaqdu flimkien mas-saċerdoti għall-riċeviment fis-Sala taċ-Ċentru.

Komunità Parrokkjali għandha tkun Komunità li xxandar il-Kelma t'Alla. Kull membru tal-Komunità għandu r-responsabilita' li jwassal l-Aħbar it-Tajba tal-Vanġelu. Kien għalhekk li nhar **l-Erbgħa 11 ta' Frar**, fil-Bażilika tagħna ltaqgħu l-membri u d-diriġenti ta' l-Għaqdiet Kattoliċi u tal-Movimenti Ekkleżjali li bix-xhieda tagħhom qed iwettqu x-xogħol tax-xandir tal-Vanġelu għall-bini tal-ġisem ta' Kristu fil-Belt tagħna.

L-impenn ta' dawn il-gruppi u għaqdiet ġie mġedded waqt Konċelebrazzjoni mmexxija minn Mons Arċipriet Farrugia u dak in-nhar ukoll il-Katekisti tal-Parroċċa rċevew il-mandat tal-Ministeru tagħhom.

Kull Komunità Nisranija la tista' tippersevera fil-Kelma u lanqas tagħti l-frott mistenni mill-Fidi jekk ma tgħix f'għaqda sħiħa ma' Kristu. It-talb huwa l-espressjoni ewlenija u l-mezz insostitwibbli ta' l-għaqda tagħna ma' Kristu. Għalhekk fil-jum tal-**Ħamis 12 ta' Frar** wara kull quddiesa fil-Bażilika saret nofs siegħa Adorazzjoni.





It-tfal li jattendu ċ-Ċentri tad-Duttrina tar-Rabat kellhom ukoll nofs siegħa Adorazzjoni u wara quddiesa għalihom mill-Arċipriet il-Ġdid. Wara t-tfal bil-ferħ u l-briju tagħhom iltaqgħu ma' l-Arċipriet fis-Sala Parrokkjali.

Dan il-jum ta' Talb ingħalaq b'nofs siegħa Adorazzjoni li fiha ħadu sehem il-membri tal-Fratellanza tal-Kurċifiss u quddiesa mill-Asisstent Spiritwali tal-Fratellanza, il-Kan. Dun Nikol Vella Apap.

Nhar il-**Ġimgħa 13 ta' Frar** Mons Arċipriet iltaqa' maż-żgħażagħ tal-parroċċa tagħna f'Ċelebrazzjoni ta' Ħajja u Ferħ. Il-Knisja għandha bżonn id-dinamiżmu taż-żgħażagħ u għalhekk f'dan il-jum speċjali għalihom il-Komunità Parrokkjali ħarset lejhom, talbet magħhom u għalihom. Iż-żgħażagħ preżenti, wara din iċ-ċelebrazzjoni, iltaqgħu ma' Mons Arċipriet fiċ-Ċentru Parrokkjali.

Nhar is-**Sibt 14 ta' Frar** kien jum il-Komunità li Tiċċelbra. Il-Komunità iċċelebrat l-identita' nisranija tagħha billi ftakret fl-imgħoddi tagħha u raddet ħajr lil Alla għalih; ferħet bil-preżent u qasmet dan il-ferħ ma ħbiebha u l-mistednin speċjali tagħha u ħarset lejn il-ġejjieni b'fiduċja fil-fedelta' ta' Alla li qatt ma tiġi nieqsa. F'dan il-jum saret Akkademja Mużiko-Letterarja f'ġieħ l-Arċipriet il-Ġdid bis-sehem tal-*Chorus Urbanus* taħt id-Direzzjoni ta' Mro. John Galea B.Mus. (Hons.) Dunelm, L.R.S.M., F.T.C.L. li esegwixxa xogħloijiet ta' Vivaldi, Handel, Hayden Rossini, Mendelssohn u Decesare. Din l-Akkademja saret taħt il-Patroċinju ta' l-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol G. Cauchi, Isqof t'Għawdex u Dekan tal-Kapitlu Ġorġjan.



Il-kelliema distinti li wasslu l-messaġġ tagħhom f'din l-Akkademja Mużiko-Letterarja kienu l-Prof. Fr. Peter Seracino Inglott, Dr. Eugene Montanaro, Patri Egidio Mizzi OFM, il-Kan. Joe Mejlak u Miss Joy Frendo. Id-diskorsi ta' dawn il-kelliema qed jidhru f'paġni oħra ta' din il-ħarġa speċjali.



Il-**Ħadd 15 ta' Frar 1998** kien Jum il-Pusses. Kif kien mistenni mijiet u mijiet ta' nies laqgħu lill-Arċipriet il-Ġdid hekk kif il-korteo ħalla r-residenza tiegħu fi Triq Vajringa. Mal-wasla ta-korteo, li għadda minn Triq Palma, fi Triq ir-Repubblika l-Banda La Stella laqgħet lill-Arċipriet u wasslitu bid-daqq ta' marċi ferrieħa sa Pjazza San Ġorġ fejn ġie milqugħ mill-Kapitlu u l-Kleru. Fi Pjazza San

















Ġorġ fejn kien hemm ukoll il-Victoria Sccout Group. Mons. Isqof stieden lill-Arċipriet il-Ġdid jiftaħ il-bieb tal-Bażilika. Hekk kif infetaħ il-bieb u l-Arċipriet daħal fil-korsija tal-Bażilika, intlaqa' b'ċapċipa kbira, għax sa dak il-ħin il-Bażilika kienet ġa mimlija daqs bajda.

Is-Sur Joseph Borg, f'isem il-Komunità Nisranija ta' San Ġorġ għamel diskors ta' merħba u wara bdiet Konċelebrazzjoni Pontifikali preseduta minn Mons Isqof Cauchi. Fil-bidu l-Kanċellier tal-Kurja Mons. Debrincat qara d-digriet tal-ħatra u wara l-Omelija ta' Mons Isqof, sar ir-rit tal-Pussess. Il-miġemgħa nfexxet f'ċapċipa kbira hekk kif Mons Farrugia ġibed il-ħabel tal-qampiena l-kbira tal-Bażilika u daqq żewġ tokki.

Għal din l-okkażjoni kienu preżenti, fost l-oħrajn, l-Onor. Myriam Spiteri Debono,Speaker tal-Kamra tar-Rappreżentati, l-Onor. Dr. Anton Refalo, Segretarju Parlamentari għal Għawdex, il-membri Għawdxin fil-Parlament, Is-Sindku tal-Belt Victoria, is-Sur Paul Grech. flimkien mal-membri l-oħra tal-Kunsill Lokali u personalitajiet u mistednin oħra flimkien ma' delegazzjoni tal-Kapitlu tal-Knisja Katidrali mmexxija minn Mons. Arċipriet Dr. J. Vella Gauci.

Matul din il-Konċelebrazzjoni Pontifikali il-kant sar mill-Kor *Laudate Pueri* taħt id-direzzjoni ta' Dun George J. Frendo u ġiet esegwita l- *Missa Papae Marcelli* ta. P.L. da Palestrina u motetti ta' Mons Domenico Bartolucci, Direttur Perpetwu tal-*Cappella Sistina*. Fi tmiem il-Konċelebrazzjoni ġiet esegwita l-Antifona f'ġieħ San Ġorġ, kompożizzjoni ta' Carlo Flamingo u orkestrazzjoni ta' Mons Giuseppe Farrugia. Il-kor u l-orkestra kienu taħt id-direzzjoni tal-Prof. Joseph Vella, *Maestro di Cappella* tal-Bażilika.

Id-Diskors ta' merħba tas-Sur Joe Borg, l-Omelija ta' Mons Isqof waqt il-Konċelebrazzjoni, kif ukoll il-messaġġ ta' l-Arċipriet il-Ġdid fi tmiemha, qed jidhru f'paġni oħra ta' din il-ħarġa speċjali.

Il-festi tal-Pussess ta' Mons. Ġużeppi Farrugia bħala Arċipriet tal-Parroċċa tagħna ġew fi tmiemhom il-Ħadd stess fil-għaxija b'Kunċert Sinfoniku mill-Orkestra Nazzjonali taħt il-patroċinju ta' l-Ecc. Tiegħu Mons Isqof Nikol Cauchi. Ħadu sehem iz-żewġ solisti ta' fama nternazzjonali, il-vjolinista Prof. Marcello Canci u l-vjolista Prof. Camillo Grasso tal-*Conservatorio di Santa Cecilia* f'Ruma. Id-direzzjoni mużikali kienet f'idejn il-Prof. Joseph Vella u ġew esegwiti xogħlijiet ta' Mozart, Barber u Vella.

Dan kien kunċert sinfoniku ta' livell għoli ferm u li bih ingħalqu il-festi kbar u solenni tal-Pusses ta' l-Arċipriet il-Ġdid tal-Parroċċa tagħna ta' San Ġorġ, Mons Ġużeppi Farrugia. ■





# Tislima mill-Arċipriet il-Ġdid lill-Arċipriet Emeritus Mons Salv Borg waqt Konċelebrazjoni fil-ftuħ tal-Festi tal-Pussess nhar il-Ħadd, 8 ta' Frar 1998

**Għażiż Rev.mu Monsinjur Salv Borg,**

Din hi ġemgħa ta' radd-il ħajr li ltaqgħet hawnhekk, f'dal-post imbierek, sabiex tonorak. Ridtha jien; miegħi riedha wkoll ir-Rev.mu Kapitlu u Kleru, u magħna riditha wkoll l-Komunità Nisranija kollha. Iva, biex tagħtik ġieħ, biex trodd ħajr lil Alla għalik u biex tqimek għal dak li int, u għal dak li inti tirrappreżenta u tfakkarna fih.

Inti tirrappreżenta u tfakkarna fil-ġenerożita' ta' Alla li dejjem ħaseb f'uliedu f'din il-gżira u qatt ma nsihom. Bagħtilhom il-Kelma Mqaddsa tiegħu biex jisimgħuha, qiegħed f'nofshom rgħajja għorrief u qaddisa biex ifissruha, u għanihom bil-grazzja li l-Kelma tagħti lil dawk li b'disponibilita' u ħeġġa jilqugħha f'ħajjithom.

Inti, u miegħek Mons Emanuel Mercieca hawn preżenti, tirrappreżenta u tfakkarna fid-dedikazzjoni ta' tant parroċi ( kappillani u arċiprieti) li lil ulied din il-gżira qdewhom fuq l-eżempju ta' dak li ma ġiex biex ikun moqdi imma biex jaqdi u jagħti ħajtu għal ħbiebu.

Inti, u miegħek Mons Emanuel Mercieca - u hawnhekk inżid ukoll lil Mons Anton Grech Vella - tirrapeżenta u tfakkarna f'tant benefatturi, saċerdoti u lajċi, li lil din il-knisja, insinji bi ġrajjiet niesna, ħabbewha; meta kienet mhedda ħarsuha, meta twaqqgħet mill-furbani jew mit-terremoti bnewha mill-ġdid, meta ċkienet kabbruha, meta kienet umiljata refgħuha u raddewlha d-dinjita' li tixirqilha u għamlu minnha dik li hi llum.

Inti, għażiz Mons. Borg - flimkien ma' l-imsmmija Mons. Mercieca u Mons. Grech Vella, iż-żewġ saċerdoti l-aktar anzjani li jinsabu hawn fostna, kif ukoll ma' tant saċerdoti u lajċi nsara - inti tirrappreżenta u tfakkarna fl-imħabba vera lejn San Ġorġ - il-mimmi ta' għajnejk u ta' għajnejna, il-qalb ta' qlubna, ir-ruħ ta' rwieħna, l-ispirazzjoni ta' ħsibijietna u l-ferħ ta' kull ferħ tagħna.

Inti f'dan kollu tfakkarna, dan kollu tirrappreżenta għalina u għal dan kollu rridu nagħtuk ġieħ, niżżuk ħajr u nqimuk.

Imma aħna rridu nweġġħuk, niżżuk ħajr u nqimuk mhux biss għal dak li tirrappreżenta għalina, imma wkoll għal dak li int: bniedem twajjeb, ta' qalb kbira, li b'għaqal, dedikazzjoni u sagrifiċċji qdejt il-ministeru ta' saċerdot, profeta u mexxej afdat lilek.... ragħaj spiritwali li fittixt li taqdi l-missjoni tiegħek b'kollaborazzjoni magħna s-saċerdoti li niffurmaw dan il-prebyterium... ħabib tal-qalb, kumpann ferrieħi, kittieb li jħaddem it-talenti tiegħu biex jgħallem permezz tal-karta stampata, minn fuq il-palk tat-teatru, mir-radju u t-televiżjoni... u fuq kollox minn fuq l-altar....IVA minn fuq bosta altari f'Malta u Għawdex, imma l-aktar minn fuq dan l-altar.... fejn għallimt tant u aħna nittamaw li tibqa' tgħallem.

Għal dan kollu rridu niżżuk ħajr u nweġġħuk u għal aktar: is-sehem tiegħek fil-ħarsien ta' l-identita' u d-dinjita' ta' din il-bażilika, l-impenn tiegħek fil-proġetti ta' restawr ta' l-opri artistiċi li jżejnu dan it-tempju monumentali, l-inkoraġġiment tiegħek fil-ħidma tagħna lkoll b'kollaborazzjoni ma' xulxin u aktar ...

Kif naqbdu nuruk il-ħajr tagħna? Billi nwiegħduk it-talb tagħna ... ċertament, ħalli Alla jimliek bil-barka li tixraq lil qaddej li b'fedelta' sħiħa wettaq il-missjoni afdata lilu.

Inroddulek ħajr billi nuruk il-ferħ tagħna li San Ġorġ mhux ser jitilfek imma se jkompli jsib fik is-servizz li għandu bżonn u l-imħabba li tixraqlu.

Inroddulk ħajr billi ngħożżu l-preżenza tiegħek fostna u nistagħnu bit-talenti tiegħek għat-tiġdid, it-tkabbir u t-tisħieħ tal-Komunità Nisranija tagħna.

B'għelm ta' dan kollu noffrulek xbiha, ikona ta' San Ġorġ Martri, li nitolbuk tilqagħha mhux bħala ħlas għall-ħidma tiegħek - kif jista' jkun dan - imma biex tkun sinjal għalik u għalina tar-rabta ta' mħabba Nisranija u Ġorġjana li torbotna.

Grazzi Rev.mu Monsinjur Arċipriet Salv Borg!



# L-OMELIJA TA' MONS. SALV BORG LI GHAMEL NHAR IL-HADD 8 TA' FRAR 1998

*Wisq Rev. Mons. Ġużeppi Farrugia, Arċipriet Elett.*
*Wisq Rev. Mons. Emanuel Mercieca, Arċipriet Emeritus,*
*Wisq Rev. Monsinjuri u Kanoniċi tal-Kolleġġjata ta' San Ġorġ*
*Ħuti fis-Saċerdozju - Ħuti f'Ġesù Kristu.*

Il-Vanġelu tal-lum, ipoġġi quddiem għajnejna episodju mill-isbaħ fil-ħajja ta' Ġesù. Episodju dettaljat ta' ġrajja li seħħet fuq ix-xtut tal-Għadira ta' Ġenazaret. Bħas-soltu, Ġesù ta' Nazareth huwa l-protagonista li jiddomina x-xena kollha. Ġesù jiddomina bla ma jxekkel jew inaqqas is-sehem tal-personaġġi l-oħra kollha li għandu madwaru, anzi li jrid jinvolvihom ilkoll li huma.

Ta' min isaqsi: Kif ġab ruħu Ġesù f'dan l-Episodju?

Nistgħu ngħidu li Ġesù wettaq tlett azzjonijiet totalment differenti minn xulxin.

***a. L-Ewwelnett:*** Ġesù ġab ruħu bħala Mgħallem: Talab l-għajnuna ta' Pietru. Ried il-kollaborazzjoni tiegħu sabiex iċaqlaq id-dgħajsa minn postha u jaqlagħha ftit minn mal-moll, sabiex ikun jista' jippriedka minn fuqha u jkellem u jgħallem lill-folla li kienet qed tross fuqu, u li altrimenti ma kienx possibbli għaliha li tisimgħu sewwa f'dak li kellu jgħidilha. U Kristu kellimha lill-folla: ippriedkalha u wasslilha l-messaġġ ħaj tiegħu.

***b. It-Tieni:*** Ġesù ġab ruħu bħala Mulej, bħala Sid: Huwa jordna lil Pietru sabiex jerfa' x-xbiek mill-baħar. Tajjeb li nżommu quddiem għajnejna li Ġesù għamel dan l-amar lil Pietru wara li dan ta' l-aħħar, flimkien ma' sħabu s-sajjieda l-oħra kienu qattgħu lejl sħiħ jistadu u ma kienu qabdu xejn . Ordnalu jitfa' x-xbiek il-baħar bi nhar fid-dawl tax-xemx, meta l-ħut fl-ilma ċar tal-Għadira żgur jara u jxomm ix-xbiek u jisgiċċa 'il bogħod. Iżda fil-fatt ġara l-oppost. Għax Ġesù hu l-Mulej. Ix-xbiek imtlew kollha jissejjħu sajjieda oħra li kienu fuq dgħajjes oħra sabiex jgħinuhom iwasslu l-qabda tagħhom sa' l-art.

***c. It-Tielet:*** Ġesù ġab ruħu bħala wieħed li jagħżel b'awtorita': hekk kif waslu l-art, ma ħallihomx bħal erbgħa fost il-ġimgħa, iżda għażilhom u ħatarhom bħala sajjieda tal-bnedmin.

Din il-ġrajja hekk sabiħa żgur li llum għandha messaġġ li jaqbel ferm ma' l-iskop li għalih aħna nġbarna hawnhekk dalgħodu. Fil-bidu tal-quddiesa, jiena stedintkom ilkoll sabiex bħala familja waħda, komunità ħajja li temmen f'Alla troddu ħajr lil Alla miegħi għal dawn it-tnax -il sena li jiena wettaq bħala ragħaj ta' din il-komunità parrokkjali ta' San Ġorġ.

F'dawn ix-xhur u l-jiem li għaddew ħsibt ħafna fuq dak li għadda mingħalija matul il-ħajja tiegħi. Għaraft kif Alla għamilli ħafna sejħat. Sejjaħli biex inkun nisrani, fi ħdan il-Knisja waħdanija ta' Ibnu Ġesù permezz tal-Magħmudija. Sejjaħli fil-kors ta' ħajti żagħżugħa sabiex inkun sajjied ta' l-erwieħ, permezz tal-Konsagrazzjoni Saċerdotali li jiena rċivejt madwar tletin sena ilu. U reġa sejjaħli tnax -il sena ilu sabiex inkun mhux biss sajjied iżda ukoll ragħaj ta' merħla mhux daqstant kbira iżda mill-iżjed importanti fid-Djoċesi Għawdxija. Sejħat li kollha saru minn naħa ta' Alla, mingħajr qatt ma kelli dritt għalihom u minkejja id-djufija u l-fraġilità tiegħi. Sejħat, li mimli bil-biża', aċċettajt, konvint li la darba kien il-Mulej li kien qed isejjaħ, żgur li ma kienx ser jitlaqni naqdef waħdi. U llum nista' ngħid b'wiċċi minn quddiem, li qatt, lanqas għal mument wieħed biss ma ħassejtni waħdi, għax kont inħoss kontinwament in-nifs ta' Alla fuqi, li għenni nwettaq dmirijieti kif xtaqni li nagħmel. U llum, intom ilkoll ġejtu hawnhekk sabiex ilkoll flimkien ngħidu grazzi lil Alla ta' dan kollu.

Nista' ngħid li f'dawn it-tnax-il

sena bħala Arċipriet aktar irċevejt milli tajt. Kienu tnax-il sena ta' esperjenza li għinuni nifhem aħjar min hu l-bniedem, u xi jrid Alla minnu. Kienu tnax-il sena li fihom missejt b'idejja x'inhu l-ferħ li jsaltan fil-familji kif ukoll kemm huwa iebes in-niket u l-morr li kull tant żmien jolqot lill-istess familji. Sirt naf iktar is-sbuħija u s-sempliċita' tat-tfal tal-Paroċċa tagħna,l-entużjażmu taż-żgħażagħ tagħna, it-toqol tal-ħajja miżżewġa u l-konsolazzjonijiet li ġġib magħha, il-wirt kbir li hemm depożitat fl-anżjani u fil-morda tagħna. Tnax-il sena bit-tlajja u bl-inżul tagħhom. Bil-ferħ u bin-niket tagħhom. U filwaqt li naħseb fuq dan kollu, inħossni tassew kemm jiena midjun ma' ħuti s-saċerdoti l-oħra ta' din il-Paroċċa. Ma kont inkun kapaċi nagħmel xejn li kieku ma sibtx l-għajnuna, l-appoġġ, l-imħabba, il-komprensjoni u l-inkoraġġiment tagħhom. U ta' dan kollu nixtieq nerġa' ntennilhom dak li għidtilhom fl-aħħar laqgħa tal-Presbyterium Parrokkjali: Grazzi u l-Mulej jħallaskom.

Il-Grazzi tiegħi jmur ukoll lilkom ilkoll: il-membri ta' din il-komunità parrokkjali ta' San Ġorġ. F'kull sejħa li għamiltilkom, f'kull appell li tennejtilkom, sibtkom dejjem pronti sabiex tagħtu l-kontribut tagħkom b'risq din il-parroċċa għażiża tagħna. Irrid nirringrazzja lil dawk il-Lajċi u r-Reliġjużi kollha li taw sehemhom u aktar minn sehemhom għat-tagħlim tal-Katekiżmu, għall-attivitajiet korali, kulturali u filarmoniċi, għall-ġbir ta' fondi, għall-manutenzjoni, għat-tindif u żżamma ta' din il-Bażilika li hija l-qalb tad-Djoċesi Għawdxija. Kif qed taraw ma semmejt l-ebda isem, mhux għax ma nafhomx jew għax ma jixraqilhomx, iżda biex ma mmurx ninsa lil xi ħadd f'dawn ir-ringrazzjamenti tiegħi. Irrid ngħid ukoll Grazzi lill-familja tiegħi, li għenuni mhux ftit u qasmu miegħi dawn it-tnax-il sena li għaddew.

Minbarra l-Grazzi illum nixtieq ngħid ukoll, u mill-qalb, aħfruli. Żgur li fi tnax-il sena wettaqt xi żbalji. Biss ħalluni ngħidilkom: qatt ma żbaljajt intenzjonalment, żgur li qatt ma ridt inweġġa' lil ħadd. Meta kelli nieħu xi deċiżjonijiet li forsi setgħu jinftehmu ħażin, dan għamiltu wara li tlabt l-għajnuna ta' Alla u b'kuxjenza trankwilla.

L-aħħar żewġ ringrazzjamenti tiegħi imorru: l-ewwel: lill-E.T. Mons. Isqof Cauchi, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kapitlu Ġorġjan. Ngħidlu grazzi tal-fiduċja li dejjem wera fija u ta' l-għajnuna u l-pariri li kien jagħtini. Fih jiena dejjem sibt missier ta' qalb kbira li fehem xi jfisser tmexxi l-parroċċa l-aktar importanti tal-gżira Għawdxija. L-aħħar iżda żgur li mhux l-inqas ringrazzjament tiegħi jmur lill-għażiż Patrun tagħna San Ġorġ. kien hu li ispirani fil-ħidma tiegħi, kien hu l-wens u l-farag tiegħi,kien hu li kabbar fija l-imħabba ġenwina lejh u lejn Alla.

U lilek, għażiż Mons. Ġużeppi Farrugia, l-Arċipriet magħżul għal din il-Parroċċa tagħna: nixtieq pubblikament ngħidlek:

**GRAZZI:** grazzi talli aċċettajt din il-missjoni xejn faċli li tmexxi din il-merħla fil-qalba tal-Belt Victoria. Lilek ukoll il-Mulej qed jordnalek sabiex titfa' x-xbiek tiegħek fil-baħar. Jiena konvint, li bil-għajnuna ta' Alla u tal-Patrun tagħna San Ġorġ, il-qabda tkun waħda kbira bħalma seħħ ma' Pietru s-sajjied.

**INWEGĦDEK :** l-għajnuna u sottomissjoni tiegħi f'dak kollu li inti jidhirlek li jista' jkun ta' għajnuna f'din il-ħidma ġdida tiegħek. Jiena konvint li miegħi jingħaqdu ukoll sħabi s-saċerdoti kollha ta' din il-parroċċa kif ukoll il-komunità parrokkjali kollha.

**NITLOB GĦALIK:** u miegħi jingħaqdu ukoll mhux biss dawn il-persuni li hawn miġbura dalgħodu f'din il-Bażilika,iżda l-membri kollha tal-familja Ġorġjana, huma fejn huma, b'mod speċjali l-morda għeżież tagħna.

Għażiż Arċipriet, meta tnax -il sena ilu kellimt lill-komunità parrokkjali Ġorġjana, f'Jum il-Pussess tiegħi, fl-1 ta' Ġunju 1986 jiena kont wrejt ix-xewqa li lkoll kemm aħana nerġgħu nirritornaw lejn iċ-ċenaklu, fejn hemmhekk jidhru fil-qawwa u sbuħija tagħhom **I-GĦAQDA u l-IMĦABBA**. Hija ta' konsolazzjoni kbira għalija, li kemm l-Għaqda u kemm l-Imħabba baqgħu jsaltnu fi ħdan il-parroċċa tagħna, anżi ssaħħew u kibru. Jiena konvint li bil-għajnuna t'Alla, tal-Patrun tagħna San Ġorġ, ta' Sidtna Marija kif ukoll bil-ħidma u l-koperazzjoni ta' kulħadd, taħt it-tmexxija għaqlija tiegħek dawn iż-żewġ doni kbar jkomplu jikbru, jistagħnew u jiddu, u jkunu ta' eżempju għal Għawdex kollu.

***Ad Multos Annos.***



# DISKORS TA' DR EUGENE MONTANARO LI SAR FL-AKKADEMJA S-SIBT 14 TA' FRAR 1998

## IT-TIFKIRA

*Eċċelenza Revma, Reverendi Sacerdoti, Sinjuri,*

Kienu jgħidu tajjeb ir-Rumani li l-Istorja hija l-imgħallma tal-ħajja; għax mill-ġrajjiet ta' l-imgħoddi nistgħu nisiltu tagħlim għal żmienna u tagħlim għal li ġej. Tabilħaqq, min ma jafx l-Istorja ma jistax jifhem iż-żminijiet tiegħu.

Issa kif, u meta, twieldet il-Parroċċa ta' San Ġorġ f'Għawdex, għadna ma nafux sewwa. Iżda nfakkarkom li dan it-tempju ta' kobor storiku għadda minn ħafna ġrajjiet ta' ferħ u niket, tul il-medda ta' sekli, li ġabu fil-gżejjer tagħna ħakma barranija waħda wara l-oħra. U l-Gżira ta' Għawdex, kif tafu, qalgħet ħafna swat tul il-ġrajja mqallba tagħha. Madanakollu, bħala Knisja qadima ħafna, din il-Bażilika għadha sallum xhieda ħajja tal-vokazzjoni Nisranija ta' pajjiżna kif ukoll tal-qima devota tal-Għawdxin lejn San Ġorġ, Patrun u Difensur tal-Gżira.

Nafu tajjeb li mill-inqas sa minn żmien is-seklu ħmistax, bosta Kappillani ta' din il-Paroċċa ħadmu, ħabirku u batew sabiex iwettqu l-ħidma pastorali tagħhom. U ix-xogħol pastorali, ħafna drabi, huwa xogħol moħbi li jintebaħ bih Alla biss. Iżda m'hemm ebda dubju li l-ħidma mħeġġa tagħhom swiet bil-bosta għat-tkattir u l-iżvilupp għaqli tal-wirt Nisrani fil-Gżira. Fi kliem ieħor, il-Kappillani ta' l-imgħoddi huma l-ħoloq ta' dik il-katina twila li torbot sħiħ il-ġisem ta' din il-Paroċċa.

Imma l-lejla, waqt din iċ-ċelebrazzjoni ta' ferħ, nħoss li hu tabilħaqq xieraq li nitħeġġu lkoll flimkien bit-tifkira tal-ħidma fejjieda li wettaq il-Kappillan Don Lorenzo de Apapis, tul il-medda tat-tieni nofs seklu sittax. Għal dawk li ma jafħux biżżejjed jeħtieġ jingħad minnufiħ li Don Lorenzo de Apapis hu tabilħaqq l-eqdem persunaġġ storiku Għawdxi, li dwar ħajtu u ħidmietu nistgħu ngħidu xi ħaġa fis-sod. Dan joħroġ ċar minn fonti storiċi kontemporanji, bħalma huma, fost oħrajn, ir-rapport tal-Viżta Appostolika ta' Mons. Pietro Dusina, l-istess reġistru notarili ta' Don Lorenzo de Apapis, u t-testment tiegħu. Iżda fuq kollox nħoss li ma nkunx qed niżbalja jekk ngħid li din il-Paroċċa ma mititx b'mewta kiefra bi ħtija tal-ħbit tal-Mislem li seħħ fl-1551, għar-raġuni li l-Kappillan de Apapis baqa' jindukraha, u żamm sħiħ sa ma ħareġ rebbieħ fuq dawk l-irwiefen li nefħu b'qillithom kollha biex jeqirduha. U x'ħin tqis kollox ma' kollox, ikollok tgħid li bis-saħħa ta' l-isfida li xeħet de Apapis fil-konfront ta' għadu barrani, aħna llum stajna ninġemgħu bi ħġarna f'din il-Bażilika biex nagħtu ġieħ mistħoqq lill-Kappillan ġdid tagħna. Mela jekk kbira, u kbira aktar mill-qawwa tal-ħsieb, kienet tkun il-ħsara tat-telfa, aħna llum għandna l-jedd kollu nżommu u nfakkru l-ġid tar-rebħa ta' de Apapis bi kbir.

Kien sewwa sew il-Ħadd, 26 ta' Lulju tal-1551. Don Lorenzo de Apapis, Kapillan ta' San Ġorġ sa mill-1547, flimkien ma l-biċċa l-kbira tal-poplu Għawdxi, kienu qed jinġarru fil-jasar mir-Rabat lejn ix-xwieni Torok fl-Mġarr.

Xena tal-biki, mfakkra b'sogħba kbira mill-istorjografu tal-Ordni, Giacomo Bosio; ġrajja li ġabet fit-tmiem it-traġedja tal-ħbit fuq il-gżira mwettaq minn Sinan Pasha u Dragut Rais. L-imsejkna rsiera ttieħdu fil-ktajjen lejn Kostantinopli u Tripli. B'hekk, Għawdex tbattal minn nies għal madwar sentejn, u kellu jgħerbeb seklu sħiħ biex il-popolazzjoni reġgħet ġiet għal li kienet qabel.

Tabilħaqq, il-Gżira kellha ddum ħafna biex tieħu r-ruħ. Għalhekk, l-Isqof Domenico Cubelles talab lill-Papa Ġulju III biex tingħata indulġenza speċjali lil dawk li joffru xi flus ħalli jintużaw bħala riskatt għall-Għawdxin li kienu għadhom fil-jasar. Imma ż-żminijiet kienu għadhom mwiegħra, u l-flus li nġabru kienu ftit wisq, u għalhekk bosta Għawdxin seħħilhom jmutu 'l bogħod minn pajjiżhom fil-jasar.

Don Lorenzo de Apapis kellu biżżejjed ġid biex jikseb il-ħelsien tiegħu mill-jasar fi żmien sentejn. Lura pajjiżu, hu ntefa' għax-xogħol pastorali fi ħdan il-Parroċċa fdata lilu bil-ħeġġa kollha ta' ruħ żagħżugħa bla ma qagħad iqis it-triq xi drabi twila u mwiegħra li jrid jimxi biex jasal fi tmiem xewqtu. Iżda l-beraq u s-sajjetti baqgħu jleħħu u jfaqqgħu fuq il-Parroċċa, għaliex il-ħbit tal-Mislem baqa' għaddej bla waqfien. U l-knisja ta' San Ġorġ kienet mingħajr ebda kenn 'il barra mis-swar tal-Kastell. Kien l-aqwa tiġrib ta' ħajjitha. Kien it-tiġrib li kellu jaqta' bejn il-mewt u l-ħajja. Dan mhux kliem fil-fieragħ; din hi storja. Naraw kemm hu hekk.

Jaf kulħadd li Don Lorenzo de

Apapis seħħlu wkoll jaħdem fil-gżira bħala nutar pubbliku. U jekk niflu bir-reqqa t-testmenti fir-reġistru tiegħu, malajr nintebħu li bosta għonja minn jeddhom ħallew xi flus minn ġidhom biex jissewwew l-istess ħitan tal-binja tal-Knisja ta' San Ġorġ. Fin-nuqqas ta' dan it-tħabrik bis-sħiħ b'risq it-tiswija tal-ħitan tagħha, dik il-knisja kienet x'aktarx tinqered. Iżda f'dak ir-reġistru niltaqgħu wkoll ma' xi legati ta' flus imħollijin mill-Għawdxin biex jintuzaw bħala riskatt għall-qrabathom mill-jasar. Kollox tarah ħaj quddiemek u thossu jidħol f'moħħok u f'qalbek.

Il-Knisja ta' San Ġorġ kienet għadha f'qagħda mdgħajfa meta Mons. Pietro Dusina żarha fl-1575. Kellha tliet artali minbarra l-Maġġur. Imma dawn ma kienu marbuttin bl-ebda piż, u ma kienux magħammrin bil-bżonnijiet tagħhom. Iżda għal dan m'għandniex inlumu 'l Don Lorenzo de Apapis. Dik l-imsejkna Knisja kienet għadha l-mira ta' serqiet u rovina min naħa tal-għadu. Madankollu, aħna nifirħu meta naqraw li l-parruċċani tagħha kienu jlaħħqu sa madwar mitt ruħ. Kienu qata qalbenin li baqgħu jgħożżu r-rabta tagħhom mal-Parroċċa, u dan meta ftit kienu għadhom bdew jitħajru ħalli jfittxu futur għal ħajjithom f'din il-Gżira.

Minbarra dan, ir-rapport ta' Dusina jwaslilna l-verità storika li, min-naħa tiegħu, Don Lorenzo de Apapis tqabad b'ruħu u b'ġismu, u b'ġidu wkoll, sabiex iżomm il-Parroċċa tiegħu fuq riġlejha. Nisimgħu silta minn tweġiba tiegħu quddiem il-Viżitatur Appostoliku: " ..... jien mhux obbligat nixtri xema u żejt għall-Parroċċa għaliex dawn il-ħwejjeġ kienu jixtruhom il-parruċċani meta kienu bosta, iżda minn xi żmien 'l hawn baqgħu ftit parruċċani u jinsabu fil-faqar u ma jifilhux spejjeż, u għalhekk dawn il-bżonnijiet bdejt nixtrihom jien ". (*"..... et io non sono obligato di comprare cera, ne' oglio alla Parrochia, perche le comprano l Parochiani prima che se ne' erano assai, ma da poi che sono stati pochi, et poveri, che non hanno potuto, li ho comprati io ".*)

De Apapis, mela kien qed jerfa' t-toqol ta' dmirijietu bħala kappillan bil-ħaqq u bis-sewwa. U dan l-għemil qalbieni kompla jsaħħaħ il-fiduċja ta' Mons. Dusina fit-tmexxija tiegħu. Tabilħaqq, wara li Mons. Dusina pprofana l-Knisja ta' Savina għaliex kienet abbandunata mir-rettur u l-fidili tagħha, u nofsha mfarrka, hu ordna li l-obbligu tagħha għandu jintafa' fuq il-Knisja Parrokkjali tar-Rabat, il-Parroċċa ta' San Ġorġ. Fi kliem ieħor, il-Viżitatur Appostoliku kien konvint mill-importanza tal-pożizzjoni ta' dik il-Parroċċa fil-qalba tar-Rabat, kif ukoll mill-ġid spiritwali marbut mal-ħidma pastorali mwettqa fi ħdanha. Imma dan kollu seta' jseħħ biss għar-raġuni waħda: fis-siegħa tal-prova, fl-eqqel tiġrib, De Apapis u l-parruċċani tiegħu mhux biss ma abbandunawx il-Parroċċa għażiża tagħhom, iżda skond il-possibilitajiet taż-żmien huma ħadu ħsieb isewwu l-ħsarat li kienet qed iġġarrab bi ħtija ta' l-attakki ta' l-għadu.

Imma hemm xi ħaġa oħra li żżomm ħajja f'qalbna l-persuna, l-isem u l-ħidma ta' Don Lorenzo de Apapis. Infakkarkom li f'xi waqtiet hu okkupa l-kariga ta' Vigarju Foranew. Ma kienx Don Lorenzo li gawda minn din il-kariga. Kienu l-Għawdxin li gawdew mill-qalb kbira tiegħu. Ir-rapport ta' Mons. Dusina iwasslilna xi tagħrif ċkejken dwar ir-responsabbiltà tiegħu f'din il-kariga. (p.167 Say). Bħala Vigarju tal-Qorti Ekklesjastika ta' Għawdex, hu kien jieħu ħsieb jara, fost ħwejjeġ oħra, li kulħadd iħares il-Ħdud u l-festi tal-obbligu. Kull żmien trid tqisu b'xibru. Il-ksur ta' dawn l-obbligi kien iġib miegħu kundanna ta' ħabs u p'eni korporali. Iżda meta xi ħadd kien jonqos minn dmirijietu, de Apapis, minflok li jżommu żmien twil il-ħabs, kien jitfgħu f'ċella għal jumejn biss, jew tlieta, imbagħad jeħilsu jekk iħallas tarì wieħed minflok seba' tarì, u dak it-tarì kien jiġi mqassam lill-fqar. hawn naraw f'de Apapis missier ħanin, li jħoss għal kulħadd.

Fid-9 ta' Mejju tal-1579, Don Lorenzo de Apapis għamel it-testment tiegħu quddiem in-Nutar Tommaso Gauci. Hu kien marid u mixħut fis-sodda fid-dar tiegħu ġewwa l-Kastell ta' Għawdex: *"aegrotans iacens in lecto eius proprie domo habitationis existentis intus hoc castrum gaudisti.... "* Hu testment li juriħ marbut b'mod speċjali ma' qrabatu, imma fih ma nesiex lanqas ħutu l-Għawdxin fil-bżonn. Nagħtu xi eżempji. Hu ħalla b'legat id-dħul minn għalqa lil kellu fil-limiti taż-Żebbuġ sabiex jiġu mgħejjuna xbejbiet iltiema li kienu ser jiżżewwġu. Ħalla wkoll f'għamla ta' legati somom ta' flus biex jitqassmu lill-fqar tal-Gżira, lill-Isptar ta' San Ġiljan f'Għawdex, lill-Fratellanza ta' Corpus Christi u lill-Fratellanza tar-Rużarju. Don Lorenzo twieled fil-għana, imma hu ried jagħmel użu tajjeb minn ġidu biex igħin lil ħaddieħor.

Il-mewt ta' Don Lorenzo de Apapis , li seħħet fis-sena 1586, meta hu kien għalaq l-eta' ta' ħamsa u tmenin sena, żgur li waqqgħet f'niket kbir il-gżira ta' Għawdex għaliex il-qalb kbira tiegħu kienet għamlet minnu benefattur kbir tal-Għawdxin.

Fil-ġrajja mqallba ta' Għawdex tas-seklu sittax, li għadna ma nafuhiex kif imiss, Don Lorenzo de Apapis għandu niċċa għalih waħdu. Tabilħaqq, ħajtu u ħidmietu jitwaħħdu ma' dak kollu li kien għaddej minn fuq il-Gżira. Għaliex hu kien saċerdot li qatt ma jaf jistrieħ, u mitfugħ dejjem fuq ħwejjeġ li minnhom ma ħariġx ħlief ġid. U fi gżira bi ftit nies u maqtugħa għaliha, fejn dawk li jafu jiktbu isimhom kont tgħoddhom fuq

ponot subgħajk, l-għajnuna tiegħu kienet tinħass indispensabbli. Minnaħa tiegħu, hu ma żammx għerfu għalih. Għandu kienu jirrikorru l-għonja u l-fqar, iż-żgħar u l-kbar, għall-pariri u l-pinna tiegħu. Dan joħroġ ċar mill-atti notarili tiegħu. Ma kienx hemm isem ieħor aktar magħruf u aktar imweġġaħ minn tiegħu f'Għawdex kollu.

Minkejja dan, Don Lorenzo de Apapis qatt ma kitibha l-istorja ta' ħajtu. Lanqas ħallielna xi tifkira taxxbieha tal-persuna tiegħu f'għamla ta' kwadru taż-żejt. Imma t-tweġibiet tiegħu għall-mistoqsijiet li għamillu Mons. Dusina dwar kull ħidma mwettqa minnu f'Għawdex, huma fihom infushom rivelazzjoni tal-karattru tiegħu. Jidher ċar li hu kien jaf jitkellem b'ton ċar ta' perswazjoni, u li dejjem ħabrek biex iżomm id-dinjita' tiegħu ta' mexxej, u biex ihares il-ġieħ tal-Parroċċa ta' San Ġorġ. Imbagħad, dokumentazzjoni miġbura fl-Acta Orifinalia fil-Mużew tal-Kattidral tal-Mdina, turina kemm id-demm kien ibaqbaq ġewwa fih, u li ġieli kien jisħon sew meta jsib 'il min jinkwetah. Mill-għaġna ta' dawn l-elementi diversi toħroġ il-personalita' qawwija tiegħu. Preġji u difetti jagħmlu l-bniedem iżjed normali.

Kull bniedem huwa influwenzat xi ftit jew wisq mill-ambjent li jkun trabba fih. Il-karattru ta' dak li jkun jissawwar u jintgħaġen mhux biss mill-eżempju u t-trobbija fi ħdan il-familja, imma wkoll mill-inħawi fejn ikun kiber u għex, mill-atmosfera tal-belt jew raħal fejn joqgħod, minnies u l-persunaġġi li jara għaddejjin quddiemu ta' kull jum.

Kien tassew providenzjali li Don Lorenzo de Apapis twieled fi ħdan familja li kellha f'idejha bosta artijiet f'Għawdex, għaliex hu għaraf jagħmel użu tant tajjeb mill-ġid li wiret minn niesu. Imma mbagħad hu trabba, kiber u ħadem imdawwar dejjem mill-biża' u l-qtigħ il-qalb li jġib miegħu l-ħbit bla waqfien ta' għadu kiefer fuq gżira fqira mingħajr ħarsien. Żgur li hu kien jistmerr it-tfixkil kollu li l-ħajja qegħditlu quddiemu. B'għafsa ta' qalb, hu kien qed jara li t-tamiet tiegħu għall-futur donnhom qatt ma setgħu jsiru realtà. Imma b'danakollu, aħna ma nistgħux inżommuh bħala mexxej aħrax u qalil; it-tjubija tiegħu narawha mill-għemil Nisrani tiegħu. Lanqas nistgħu nżommuh bħala bniedem magħluq fih innifsu, jew bħala saċerdot li ħela ħajtu kollha iżolat fil-qalba ta' belt twelidu madwar izzuntier tal-knisja. Huwa magħruf li wara li nħeles mill-jasar, De Apapis rega' żar il-Belt ta' Kostantinopli fl-1555. Hu, mela, kien raġel ta' kuraġġ kbir, għaliex dik il-ħabta l-piraterija kienet karriera għal ħafna nies bla kuxjenża, u l-iqsar vjaġġ fi kwalunkwe ibħra, kien iġib miegħu theddieda ta' jasar, jekk mhux ta' mewt ukoll.

Il-ħajja ta' Don Lorenzo de Apapis hi biċċa mill-Istorja ta' Għawdex ta' żmienu. Don Lorenzo de Apapis, Kappillan ta' San Ġorġ, Vigarju Foranew u nutar pubbliku, ħaddiem fil-qasam ta' Alla, u ħaddiem fil-qasam tal-professjoni notarili. Hu sab ruħu mdaħħal f'oqsma tant differenti minn xulxin. Ismu xxandar fi studji xjentifiċi moderni dwar ġrajjiet il-Medju Evu tradiv ta' ġensna. Tabilħaqq, l-istoriċi għarblu bir-reqqa r-reġistru notarili tiegħu, u minnu rnexxielhom jagħsru tagħrif jiswa mitqla deheb dwar il-popolazzjoni tal-Gżira, kunjomijiet u laqmijiet Għawdxin,ismijiet medjevali ta' postijiet ('placenames') f'Għawdex, kif ukoll dwar il-ħajja, id-drawwiet u l-folklore tal-Għawdxin. U ma jistax ikun mod ieħor. Għaliex għal dawk iż-żminijiet imbiegħda m'għandniex fonti oħra kontemporanji li jwasslulna daqshekk taghrif awtentiku u immedjat dwar ġrajjet Għawdex.

Iċ-ċelebrazzjoni tal-lejla titlob minna li nqisuh biss bħala Kappillan qalbieni tal-Parroċċa ewlenija ta' din il-Gżira. Iżda mhux biex nagħmlu l-paniġirku ta' Don Lorenzo de Apapis. Ħassejna biss id-dmir li nagħtu xhieda ta' kemm tabilħaqq ħajtu u ħidmietu jiġbru fihom messaġġ għal kull żmien. Għaliex hu emmen bis-sħiħ fis-siwi kbir tal-virtu' tat-tama.

Don Lorenzo de Apapis minn jeddu ntefa' f'taqbida miegħu nnifsu u ma' għadu barrani bil-għan li jdaħħal fl-istorja tal-Parroċċa ta' San Ġorġ il-bidu ta' ġrajja ġdida. Hu kien jaf sewwa fejn xtaq jasal; imma ma kienx jaf minn fejn kien sejjer jgħaddi u jekk kienx sejjer jasal. Għaliex iċ-ċirkostanzi fil-Gżira kienu diżastrużi u ta' skoraġġiment. Imma meta ma kienx hemm tama, hu baqa' jittama f'Alla mingħajr qatt ma ntelaq biex stenna l-affarijiet isiru waħedhom. Rajnieh joħroġ minn butu biex jagħmel tajjeb għall-bżonnijiet tal-Parroċċa. Imma hu ried jiggranfa ma' kull tarf biex jara fejn jista' jasal. Ħabbat il-bibien ta' nies għonja bħalu, u ħeġġiġhom iħallu xi ħaġa minn ġidhom b'risq it-tiswija tal-ħitan imġarrfa tal-Knisja Parrokkjali. Għaqqad f'ħsieb wieħed il-parruċċani li kien fadal madwaru, ulied ilkoll ta' omm waħda, sabiex iżommu sħiħ u ma jieqfux iżuru t-tempju għażiż tagħhom. Bis-saħħa ta' dawn il-ħidmiet, il-Parroċċa ħadet nifs kbir għaliex bdiet teħles bil-mod il-mod mill-ħsarat li kienet ġarrbet bi ħtija tal-attakki tat-Torok.

Bla dubju ta' xejn , it-tama għamja ta' Don Lorenzo de Apapis ħalliet il-frott tagħha. Dak li fi żmienu kien jinħass ażżardat deher li, taħt it-tmexxija tal-Kappillan Don Angelo Bonnici, kien qed joqrob żmienu. Għaliex fis-7 ta'Awissu tal-1672 tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-Knisja l-ġdida ta' San Ġorġ, li biż-żmien kellha tiġi mogħnija bil-ġieħ ta' Kolleġġjata u Bażilika.

Il-parroċċa stagħniet b'opri prestiġjużi fil-qasam tal-Arti, u xi wħud minnhom għadhom iżejnuha

sa fi żmienna stess. Insemmu biss il-kwadru titulari ta' San Ġorġ, li għadu kemm ingħata l-ogħla ġieħ mill-Professur John Spike f'kitba tiegħu mxandra fil-Katalogu ta' Wirja mtella' s-sena li għaddiet f'Taverna, il-belt fejn twieled Mattia Preti.

It-Tempju li nbena bħala monument ta' l-imħabba tal-Għawdxin lejn San Ġorġ, rajnieh jitkabbar, jiżżejjen u jissebbaħ bil-ħila ta' arkitetti, pitturi u skulturi ta' fama. Il-Bażilika ta' San Ġorġ għandha biex tifraħ bi ġrajjietha meta tara li uliedha tqabdu mal-ħajja u ma ġġarfux quddiem dak li l-bniedem ma għandux kontroll fuqu. Iżda madwar l-isem tal-Kappillan Don Lorenzo de Apapis nġabret bhala awreola ta' kobor u bir-raġun kollu, għaliex kien hu li witta t-triq għall-qawmien mill-ġdid tal-Parroċċa billi naddafha minn bosta tfixkil li seta' joħnoqha fi zminijiet wisq aktar mwiegħra minn tal-lum.

Il-preżent m'huwiex ħlief il-punt ta' kuntatt bejn l-imgħoddi u l-ġejjieni. Il-lejla nġbarna biex nuru l-gratitudni tagħna lejn l-Arċipriet il-Ġdid tal-Bażilika, Mons Ġużeppi Farrugia, li lest jiddedika l-intelliġenza, it-talenti, l-enerġija u l-ħin tiegħu għall-ġid spiritwali tagħna. Żgur li l-isfidi soċjali ta' żmienna ma għadhomx l-istess bħal dawk ta' żmien Don Lorenzo de Apapis. Imma l-ispirtu tal-bniedem, il-kobor u l-inkwiet tar-ruħ, sostanzjalment ma jinbidlux. Għaldaqstant, il-ħidma li wettaq Don Lorenzo de Apapis tibqa għajn ta' ispirazzjoni għal dawk li jifhmu u jaraw id-dinja sub specie aeternitatis.

Imma fuq kollox, il-ferħ tagħna l-lejla hu tassew bla tarf għaliex fil-persuna ta' Mons Ġużeppi Farrugia aħna nilmħu mexxej għaqli, imħarreġ tajjeb biex jagħraf sewwa s-sinjali taż-żminijiet, u jidderiġi l-fori ta' din il-komunità parrokkjali lejn idejali ta' progress materjali, morali u spirtwali. ■



# DISKORS TA' P. EGIDJU MIZZI O.F.M. CONV., PH.B., S.T.L., S.S.L. (PIB) LI SAR FL-AKKADEMJA S-SIBT 14 TA' FRAR 1998

## L-AĦBAR

*HABEMUS PASTOREM, "Għandna Ragħaj" - NOS AUTEM POPULUS TUUS ET OVES PASCUAE TUAE,* "Aħna l-Poplu tiegħek u n-Nagħaġ tal-mergħa tiegħek". Dawn huma ż-żewġ għajtiet - Eċċellenza Rev.ma Mons. Isqof, Wisq Reverendi Neo-Arċipriet u Saċerdoti, Sinjuri - dawn huma ż-żewġ għajtiet li jridu jesprimu s-sentimenti tagħna f'din il-lejla ta' qabel il-jum li fih Mons. Ġużeppi Farrugia jingħata l-pussess ta' Ragħaj spiritwali ta' din il-komunità parrokkjali ta' San Ġorġ Martri fil-belt Victoria. L-ewwel għajta hi l-Aħbar sabiħa li tferraħ lilna u tistedina għar-radd ta' ħajr lil Alla. L-għajta l-oħra hi l-Aħbar sabiħa tal-komunità li trid tferraħ ir-ragħaj il-ġdid tagħha billi tesprimilu d-disponibbiltà sħiħa u mpenjata tagħha li taħdem id f'id miegħu.

**1.** Għandna Ragħaj. Lilek o Alla nfaħħru, lilek Mulej nistqarru. Lilek inroddu ħajr, Mulej Ġesù, ir-Ragħaj il-Kbir u l-Għassies ta' ruħna (1 Pt 2,24), li ma ħallejtniex ngħidu "sfajna ltiema bla missier... it-tfal jittalbu l-ikel imma ma jagħtihom ħadd" (Lam 5,3; 4,4), għax temmejt għalina l-wegħda tal-Missier li qal: "Nagħtikom rgħajja għal qalbi, li jirgħu bl-għerf u l-għaqal " (Ġer 3,15).

Ħajr ukoll inroddu lir-Ragħaj maħbub tad-Djoċesi tagħna li għoġbu jaħtar żagħżugħ mill-merħla, għadma minn għadamna u laħam minn laħamna, u għollieh fuq il-poplu tiegħu f'dan il-qasam parrokkjali tal-Knisja Għawdxija. Illum qed jippreżentahulna u jgħidilna: "Kif il-Mulej Ġesù bagħat lili, hekk jien f'ismu nibgħat lilu. Ipsum audite, isimgħuh. Dan is-saċerdot mirfud bil-mandat apostoliku, li miegħu hi marbuta l-wegħda tal-assistenza ta' l-ispirtu s-Santu, u mogħni bit-tagħlim sod tad-duttrina teoloġika, u mkebbes bil-ħeġġa għall-mużika sagra li tgħolli ċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa, jista' jwassalkom għall-mergħat it-tajba. Hemm ma tibżgħux mill-ħsara għax il-ħatar tiegħu iwenniskom; hemm titpaxxew bl-ikel bnin tar-ruħ, u tixorbu mill-kalċi li jfawwar għall-ħajja ta' dejjem " (Salm 23, passim).

**2.** *Nos autem populus tuus et oves pascuae tuae:* Din l-għajta, li tifforma l-ħsieb ewlieni ta' dal-messaġġ, hija l-aħbar li tferraħ ir-ragħaj il-ġdid; hija trid tesprimi

d-disponibbiltà sħiħa tal-komunità ekkleżjali li taħdem għalenija mar-ragħaj tagħha. Hu faċli tgħidha fl-entużjażmu ta' ċelebrazzjoni inawgurali, imma tibda tidher iebsa mat-tul taż-żmien. Titlob impenn kbir ta' dixxerniment li jiġi minn ħajja misjura fil-fidi. Tajjeb għalhekk il-lejla nieħdu xi indikazzjonijiet għat-twettiq tal-impenn tagħna.

Il-prinċipju fondamentali hu dak stabbilit minn Ġesù, li n-ngħaġ jagħrfu r-ragħaj tagħhom: "Jien nagħraf in-nagħaġ tiegħi u n-nagħaġ tiegħi jagħrfu lili" (Ġw 10,14). M'huwiex għarfien bl-għajnejn tal-laħam, imma għarfien ta' profondita' spritwali u intima modellat fuq dak ta' Ġesù lejn in-nagħaġ, b'komunjoni mhux biss ta' ħsibijiet u sentimenti, imma wkoll tal-ħajja. Applikat għall-każ tal-fidili lejn Ġesù, dan iġib miegħu l-esklużjoni ta' rgħajja oħra barra Ġesù, l-għarfien ta' Ġesù bħala Bin il-Missier, sagrifikat għall-ħajja tad-dinja., tħaddin ta' l-istess sentimenti ta' obbedjenza filjali ta' Ġesù espressi f'ħajja ta' servizz totali.

Jekk napplikaw dat-tip ta' konoxxenza għall-każ ta' l-insara lejn ir-rappreżentanti ta' Kristu fuq l-art niltaqgħu ma' diffikultà komuni ħafna. Ir-rgħajja umani huma difettużi, u kienu storikament mhux ftit il-mexxejja spiritwali ta' l-insara li ma rriflettewx tajjeb lil Dak li kienu jirrappreżentaw. Iżda nemmnu li minkejja kollox, Kristu qatt ma naqas mill-wegħda tiegħu li jipprovdi rgħajja għal qalbu. Hu ħallielna d-dawl biex niddixxernu l-mod misterjuż kif jaħdem anki minn wara u minkejja r-rgħajja bin-nuqqasijiet kollha tagħhom.

Dan id-dawl jgħin il-fidili jsaffu l-għajnejn tagħhom ħalli jagħrfu r-ragħaj tagħhom fid-dimensjoni fondamentali tiegħu u ma jeħlux fil-ħwejjeġ sekondarji. B'fidi matura jħarsu lejh bħala dak li ma' l-Isqof jattwa, jgħaqqad il-Knisja madwar iċ-ċelebrazzjoni ewkaristika. B'dan il-mod huwa jissagramentalizza lil Kristu fil-ġrajja tiegħu tal-Għid,il-mewt u l-qawmien tiegħu, il-ġrajja li qegħeditu kap ta' dak il-ġisem li hu l-Knisja. Hu fuq livell ta' sinjal sagramentali li x'ħin jorganizza, jmexxi, iqaddes u jgħallem li r-ragħaj jiżvolġi s-servizz kwalifikat tiegħu. Hu jinkarna l-azzjoni inviżibbli ta' Kristu ragħaj preċiżament bħala qaddej tal-komunità. Naturalment dan l-atteġġjament ta' servizz jrid jidher kontinwament.

Fl-eventwalità ta' nuqqas ta' trasparenza ta' das-sinjal il-merħla stess għandha tagħmel dixxerniment fuqha nfisha ħa tara jekk hijiex hi wkoll li qed toħloq xkiel u tikkollabora biex jingħeleb. Importanti ħafna għat-tħaris tal-funzjoni fondamentali tal-mexxej bħala saċerdot - il-fidili għandhom iħarsu rwieħhom milli jwikku fuqu l-preokkupazzjonijiet materjali tal-komunità, ħwejjeġ li jistgħu u jmisshom jintrefgħu minn persuni oħra. Anzi l-istess Konċilju Vatikan II, fl-aġġornament tal-ħajja pastorali tal-Knisja, ried li jitwaqqfu organiżmi konsultattivi anki f'livell parrokkjali. B'hekk il-kunsill parrokkjali jitla' bħala ħajt ta' appoġġ għall-kappillani u s-saċerdoti tal-parroċċa. Dan mhux biss iserraħhom minn preokkupazzjonijiet tekniċi imma jiżviluppa b'mod li jixxierek ukoll f'funzjonijiet pastorali fil-limiti tal-kariżmi li l-Ispirtu s-Santu jqassam fost il-membri kollha tal-Knisja. Ovvjament għandha tkun ukoll il-prudenza tar-ragħaj li ma jassorbix il-ministeri kollha u jiftakar li jkun jaqdi aħjar il-Knisja meta ma jxekkilx l-Ispirtu li jonfoħ fejn irid. Min-naħa l-oħra l-komunità ekkleżjali għandha tistinka biex tqiegħed għad-disposizzjoni tal-mexxej tagħha d-doni rikonoxxuti tagħha b'mod ordinat li jħares l-unità ta' l-Ispirtu fir-rabta tas-sliem.

Fl-aħħarnett, in-nagħaġ tal-merħla jaslu għall-maturità tal-għarfien tar-ragħaj tagħhom meta jaċċettaw il-funzjoni profetika tiegħu u bħalu u miegħu jsiru komunità li xxandar u tixhed għal Kristu.

Għax x'inhu fil-fatt profeta? Hu dak li jxandar il-kelma t'Alla għax ikkmandat kif ikkmandat minnu. U jxandarha bla taħlit, bla kompromessi, bla ma jfittex li jogħġob lill-bniedem, u jkun lest jixhed għaliha bis-sagrifiċċju ta' ħajtu. U r-ragħaj tat-Testment il-Ġdid hu profeta ta' Kristu, "maħtur għall-Evanġelju" (Rum1,1), li hu qawwa ta' salvazzjoni għal kull min jemmen u blata ta' tfixkil għal min jiqaflu. Hu jkun sinjal li jmeruh. U jmeruh għax ixandar is-salib ta' Kristu bħala l-preludju meħtieġ għall-qawmien. U dawk tad-dinja li "żaqqhom hi Alla tagħhom " (Fil. 3, 19) jipprovaw jeqirduh. Għax l-evanġelju jixli lid-dinja bl-iżball kbir tagħha li trid torganizza l-bniedem fi strutturi li jeskludu l-pjan t'Alla.

Imma diżgrazzjatament jaslu jmeruh ukoll, forsi bla ma jintebħu, mhux ftit minn fost l-insara li, mdakkrin mill-ispirtu tad-dinja, jgħidulek: "l-Evanġelju sabiħ imma eżiġenti wisq; hu mbid qawwi ħafna, ejjew nifqgħuh bl-ilma tal-kompromess mad-demm u l-laħam, inkella nidhru koroħ u naħbtu ħażin mal-bqija tad-dinja."

Hekk ir-ragħaj, saċerdot u profeta jsib ruħu ostraċizzat u segregat fuq il-lemin u fuq ix-xellug. Imma l-profeta ta' l-evanġelju hu konvint li "dan it-teżor qiegħed f'ġarar tal-fuħħar, ħalli b'hekk jidher sewwa lil-kobor ta' dil-qawwa ġej minn Alla

u mhux minna.....F'ġisimna dejjem inġorru l-mewt ta' Kristu, biex f'ġisimna tidher ukoll il-ħajja ta' Ġesù (2 Kor 4,7.10). Għalhekk il-komunità parrokkjali li tistqarr "aħna l-poplu tiegħek u n-nagħaġ tal-mergħa tiegħek" jeħtieġilna tagħrfu bħala profeta qabel kollox għalina nfisha. Jeħtieġ tifhem li dmiru hu aktar li jogħġob lil Kristu milli lilha (Gal 1,10); għalhekk tilqa' bl-umiltà u s-sabar twissijietu u tissolidarizza miegħu fit-tħabrik u t-tbatijiet tiegħu għall-Evanġelju. Hekk imbagħad issir hija stess sinjal profetiku għall-membri dgħajfa fil-fidi u għall-oħrajn li għadhom barra.

**3.** Dawn huma, maħbub Arċipriet u Ragħaj tagħna, dawn huma s-sentimenti u d-disposizzjoni tagħna aħna u nferrħuk bl-aħbar sabiħa "Aħna l-Poplu tiegħek u n-nagħaġ tal-mergħa tiegħek ". Arana warajk u miegħek. Irkeb mela bħal San Ġorġ tagħna ż-żiemel, tħażżem b'sejfek fuq ġenbek u oħroġ għar-rebħa tal-ħaqq u s-sewwa (Salm 45, 4.5). Irkeb ukoll bħal Pietru d-dgħajsa tas-sajda evanġelika u *"duc in altum"* (lq 5,4), aqdef 'il barra fil-fond, kala x-xbiek - din kelma tal-Mulej - u jkollok qabda kotrana. Ma jgħejjikx it-toqol tax-xbiek lanqas ma jinqasamlek f'idek, għax dgħajjes oħra tax-xirka fis-sajda, il-komunitajiet parrokkjali, jigu jgħinuk. Jalla jkunu twal u fejjieda s-snin ta' ħidmietek. Jalla x'ħin tasal fil-għabex tal-mandat pastorali tiegħek tkun tista' ttennilna dak li qal San Pawl lill-Filippin: "Niżżiħajr lil Alla tiegħi kull meta niftakar fikom, u nitlob ferħan fit-talb tiegħi għalikom, minħabba s-sehem li ħadtu fix-xandir ta' l-Evanġelju mill-ewwel jum sa llum. Jiena żgur minn dan: li dak li beda din l-opra tajba fikom, iwassalha għat-tmiem sa ma jasal il-jum ta' Ġesù " (1,3-6). AMEN.



# DISKORS MINN FR. PETER SERACINO INGLOTT WAQT L-AKKADEMJA S-SIBT 14 TA' FRAR 1998

## IS-SEJĦA

Eċċellenza, Rev.di Sinjuri, Sinjuri,

F'poeżija tiegħu, Oliver Friggieri igħid:

*Mulej, fittixtek*
*fit-triq qadima tiegħi; iżda qalu*
*li dort mal-kantuniera ftit ħin qabel.*
*Qomt kmieni maż-żerniq u ġrejt fil-beraħ*
*u fid-dawl; sakemm intlift fi sqaq, u dalam.*
*Stennejtek f'kull appuntament li tajtni*
*fl-egħluq tal-kamra tiegħi; u qaluli*
*li rawk iċċempel lill-ġirien għajjura.*
*Tgħid din kumbinazzjoni li qatt s'issa*
*ma ltqajna? jew insejt, Mulej, in-numru*
*ta' biebi u l-isem stramb tat-triq fejn noqgħod?*

Din il-mistoqsija - Fejn mort tistaħbilna Mulej? Jaqaw ma tridx tkellimna iżjed? - mistoqsija b'ħafna agganċi bħal qarnita, sirna dażżmien nistaqsuha ħafna minna. U s-sensiela ta' diżappuntamenti - meta nkunu stennejna li se niltaqgħu m'Alla u li se jkelimna, u bqajna b'xiber imnieħer - aktar u iktar inħossuha bi kbira meta naqraw il-Bibbja; għax hemm insibu l-ħin kollu, fir-Rabta l-Qadima u fir-Rabta l-Ġdida, lil Alla daqqa jsejjaħ lil dan u daqqa lill-ieħor; daqqa lil din u daqqa lill-oħra.

Imma magħna.........donnu Alla waqa' fil-muta. Dak Alla li nsejħulu "l-Alla tal-ħajjin", donnu siket; donnu waqa' fis-silenzju ta' l-oqbra tal-mejtin.

Hekk kif kont qed naħseb dawn il-ħsebijiet, bi tħejjija għal din il-laqgħa magħkom, smajt bħal ħoss ċkejken ġewwa qalbi, bħal tħaxwixa........li wara saret tiżrita. U bejn u bejn ruħi bdejt ngħid: Issa sew! Ma nagħmlux mod li se jaqbadni infart ieħor bħal ta' tlett snin ilu! - u nitlef l-okkażjoni li nitkellem bħala saċerdot - biex insellem lill-kollega u ħabib tiegħi, l-Arċipriet il-ġdid - l-ewwel darba bħala saċerdot f'din il-knisja mill-isbaħ fejn aktar minn ħamsin sena ilu servejt l-ewwel darba ta' abbati - hawn fejn bdejt naqdi l-Mulej, ħdejn l-artal tiegħu, bħat-tfajjel Samwel ħdejn Eli?

Imma l-ħoss f'qalbi, dak il-ħoss li l-ewwel smajtu qisu tħaxwixa, bħall-ħaxix jitħarrek jew kif skond il-qawl tagħmel xkupa ġdida, dak il-ħoss iċċara, ħa sur' oħra, u issa smajtu qisu ċ-ċ...... ta' daħka ironika - sewwasew qisu xi ħadd li rnexxielu jiġbidli sieqi u issa qiegħed

jiddeverti jidħaq daqxejn bija......

Imbagħad, it-tħaxwixa li kienet inbidlet f'daħka, bdejt nismagħha tissarraf u titlissen fi kliem. Smajt bħal leħen f'qalbi jgħidli: Int daqstant ċert li meta ma tisma' 'l ħadd ikelmek, dan ikun bilfors għax kulħadd ieħor - ħliefek- immuta? Ma jistax ikun forsi, ngħidu aħna, li inti widnejk tħammġu u nstaddu xi ftit? U rġajt smajt lil dik id-daħka ironika ta' qabel - ħe ħe ħe ħe - ċċenċel fil-widnejn ta' qalbi, u din id-darba tfaqqa' aktar minn qabel.

Allura, rġajt bejni u bejn ruħi, għidt lili nnifsi: jista' jkun li l-iżball ta' sieħbi Oliver u tiegħi nnifsi u tant minna huwa dan: hekk jitkellem il-Mulej - sewwasew billi jġegħlna nħossu li qiegħed jiddieħaq bina; billi kull meta jfettlilna naħsbu li qbadnih b'idejna, li ħkimnih taħt abtna, dlonk jogħsfor u jgħib; għax kieku jirnexxielna naħfnuh ma jkunx tassew Alla, imma xi idolu li ffrankajnieh aħna; għax Alla huwa Spirtu...

F'qalbi, dik id-daħka ironika, nebbiexa, keskiesa, baqgħet tidwi, u ġegħlitni naħseb: Jista' jkun li dan l-Ispirtu li huwa Alla tagħna huwa Spirtu ċajtier, li l-mod li bih iħobb itarfilna ħjiel tal-presenza tiegħu huwa sewwasew billi jiġbdilna saqajna?

U bdejt niftakar allura fis-sejħat il-kbar li Alla għamel lil bnedmin fil-Bibbja.

Ibda minn Adam. "Fejn int?" sejjaħ il-Mulej lil missierna Adam. Għażel biex isejjaħlu mument daqsxejn delikat. Adam kien għadu kif skopra li kien għarwien ħuta. U sewwasew dak il-ħin, il-Mulej staqsieh biex juri ruħu, biex joħroġ fil-beraħ. Qisu meta jiġi jħabbatlek il-bieb xi ħadd sewwasew meta tkun għadek kif dħalt fid-doċċa. U bil-ftit weraq tat-tin li sab lanqas ma seta' Adam tant wisq isalva d-dinjita' ta' dehrtu. Biex iwieġeb għal dik is-sejħa t'Alla, l-ewwel bniedem ħtieġlu l-ewwel jibki, imbagħad meta ra l-ħniena t'Alla, li tibdel it-traġedja f'kummiedja, f'farsa, allura seta' jibda jidħaq bih innifsu, jagħraf ir-ridikolaġni tiegħu innifsu, ta' kull bniedem meta jiċħad u jinża' l-grazzja t'Alla.

Ftit ħdud ilu, fil-quddiesa qrajna r-rakkont tas-sejħa ta' Ġeremija. Smajna l-Mulej igħidlu:

*Ara illum ser nagħmel minnek*
*belt fortizza*
*kolonna tal-ħadid*
*ħajt tal-bronz*
*kontra l-pajjiż kollu*
*kontra s-slaten ta' Ġuda u l-prinċpijiet tiegħu....*

X'sejħa solenni! U forsi qegħdin tgħidu: x'ralha tad-daħq Dun Peter din?....Biex taraw il-lat komiku tagħha din, tridu ġġibu quddiem għajnejkom x'sura ta' bniedem kien Ġeremija.... Dal-bniedem li l-Mulej qed igħid li se jagħmel minnu "belt fortizza" kien marradi, xipli, malajr jitgħaxxex. Dal-bniedem li l-Mulej qed igħid li se jagħmlu "kolonna tal-ħadid", "ħajt tal-bronż" kien qisu pespus; sifja. Biblista ngliż qal li kellek mnejn tagħmillu kowt tal-fur mill-ġild ta' żewġt ifniek. U, infatti, meta Ġeremija mar jippriedka kif qallu l-Mulej kulħadd beda jiddieħaq bih, u tefgħuh f'bir kollu tajn biex għodos fih qisu f'xi film ta' Charlie Chaplin...

U xi ngħidu għas-sejħa ta' Mose'?.....Lill-Mulej Mose' stess qallu biex ma jibgħatx lilu jitkellem f'isem il-poplu Lhudi quddiem il-Farawni. "J-j-jien intem-tem-tem" - qallu - Ara ħija Aronne - dak jaf jitkellem - ibgħat lilu. Imma l-Mulej mhux hekk jaħsibha. Lilek irrid - għax hekk kulħadd jagħraf li mhux kliemek ħiereġ minn fommok, iżda li hu l-Mulej li qed jitkellem permezz tiegħek. L-importanti hija l-għanja mhux l-għannej.

Aħsbu wkoll ftit f'dawk li ma semgħuhiex is-sejħa tal-Mulej. Fost l-oħrajn in-nies ta' Nazaret; ma laqgħuhiex għax ma ntebħux bl-ironija fid-diskors ta' Ġesu' dwar il-profeta milqugħ kullimkien ħlief f'pajjiżu....ma ttendewx li kien qed jiġbdilhom saqajhom..... Li kien qed ilestihom għall-proposta tas-soltu tiegħu. Alla jħobb ilibbisna kappell għallinqas żewġ sizes akbar milli jiffitja sew f'rasna. Iħobb ixiddilna żraben li jiġu d-doppju ta' saqajna. Iridna nġibu ruħna ta' bnedmin li pero' rċivejna s-setgħa li nisbqu n-natura taghna ta' bnedmin; għax is-sejħa stess tiegħu hija għotja tal-grazzja; hija don ta' l-imħabba tiegħu li hi l-imħabba t'Alla ta' daqs wisq akbar minn dik ta' imsejken bniedem. Għalhekk meta naċċettaw is-sejħa t'Alla bilfors isir li nidhru qisna buffi taċ-ċirku - nani lebsin il-ħwejjeġ ta' ġolf. Hekk sejjaħ lilu nnifsu Missierna San Pawl - "spettaklu f'għajnejn id-dinja" - dik id-dinja li tieħu lilha nnifisha b'serjeta' wisq biex tapprezza l-Ispirtu qaddis u ċajtier ta' Alla.

Issa taf, għażiż ħabib tiegħi, Dun Ġużepp, għaliex m'għandix dubju li inti mhux biss smajt is-sejħat strambi tal-Mulej fl-imgħoddi, imma se tibqa' issa u f'li ġej tismagħhom. Inti diġa' rċevejt ħafna ġieħ, f'pajjiżek u barra minnu, mingħajr ma' tlift dak is-sens tal-qies li huwa l-qofol tas-sens ta' l-umoriżmu. Għalhekk m'għandix dubju li se tibqa' tgħarfu leħen il-Mulej, anke wara li għada l-Isqof ikun libbsek bid-dinjita' (li titlob ħafna servizz) ta' Arċipriet ta' din l-Arċimatriċi.

Tisimgħu inti leħen il-Mulej, u hekk ikollok il-ħila issemgħu lilna. Issemagħhulna fuq kollox meta mingħalina nkunu, fi kliem il-poeta li bdejt bih, intlifna "fis-sqaq, u dalam". Tgħinna nintebħu li l-Mulej ikun qiegħed ikellem lilna sewwasew meta xi ħadd jgħidilna li filwaqt li aħna konna qed nistennewh iżurna, rawh iċempel minflok "lill-ġirien għajjura". ■



POEZIJA TAL-KAN. JOE MEJLAK LI NQRAT WAQT AKKADEMJA S-SIBT, 14 TA' FRAR 1998



TALBA MINN MISS JOY FRENDO LI NQRAT WAQT AKKADEMJA S-SIBT, 14 TA' FRAR 1998

## IL-FERĦA
## GAUDEAMUS IGITUR

Elfejn sena ilu f'din id-dinja tagħna
feġġ Dawl li jiżboq sew lix-xemx ħanina,
'mma n-nies ma laqgħetux għad li hu xtered
ma' kullimkien biex jagħni bi sbuħitu
lill-ħolqien kollu. Imma d-dinja ħalja
sal-lum għadha titbekka w tolfoq siekta
ix-xorti li messitha w hi warrbitha
u tat il-wisgħa lis-setgħat tal-Ħażen!

Illum wara das-snin feġġ hawn dawl ieħor,
Dawk ġdid illi b'qawwietu jrid idawwal
lil dil-Parroċċa, wild il-Belt Victoria:
il-Monsinjur, Duttur, ĠUŻEPP FARRUGIA,
mexxej u ragħaj illi warajh trid timxi
il-Merħla ta' San Ġorġ, Martri ta' Lidda,
bla taqta' xejn il-ġirja ta' dil-ħajja
sa tara t-temma tagħha ġewwa l-Ġenna!

B'dil-ġrajja kbira ta' dad-Dawl fejjiedi
jifirħu l-ġenituri minn ġos-sema,
jifirħu l-qraba, l-ħbieb, il-ġemgħa kollha
li ġewwa qalbha hemm bid-deheb imnaqqax
isem San Ġorġ li fuq xufftejh qed nilmaħ
tbissima ta' kuraġġ u ta' qdusija,
barka ta' sliem u hena fuq Ġużeppi
li jwassal bla waqfien lill-merħla tiegħu.

Ifraħ, Missier, f'dal-jum u tenni ifraħ
għax issa int, id-dawl ta' żminijietna,
tħallatt ma' dak id-Dawl t'elfejn sena ilu,
sabiex it-tnejn id f'id, fil-qalb annuna,
itterqu ma' xulxin bil-qajla l-qajla
bil-merħla tan-nagħġiet miexja warajkom
sa naslu fis-Smewwiet, l-Għamara ħelwa,
fejn niġu milqugħin minn San Ġorġ tagħna!

## IT-TALBA

*"Nifraħ fuq li nifraħ fil-Mulej*
*taqbeż bil-ferħ ruħi f'Alla tiegħi*
*għax ħu biss libbisni bil-lbies tas-salvazzjoni*
*bil-mantar tal-ġustizzja għattieni."*

Nisħajjilni nisma' dawn il-kelmiet ispirati tas-Salmista ħerġin mill-fomm ta' l-għarusa, mżejna għall-għarus tagħha; l-għarusa: il-Knisja: il-Komunità Nisranija li Hi din il-Parroċċa li ġġib l-isem qatt mirbuħ ta' San Ġorġ.

Iva, imżejna hi l-għarusa: mżejna bl-isbaħ ilbies; l-ilbies tal-grazzja. Iva, imżejna hi l-għarusa: imżejna bl-aqwa mantar: bil-mantar tal-qdusija. Bir-raġun kollu għalhekk tgħanni bil-ferħ: il-ferħ li joħroġ mill-qalba ta' qalbha u jittrasforma, jibdel il-bixra ta' wiċċha, diġa sabiħ min-natura; jagħmlu splendenti, bħalma splendenti kien il-wiċċ glorjuż tas-Sinjur tagħha Ġesu' Kristu fuq it-Tabor, l-għarus tagħha!

Nisimgħu leħen il-għarus isejjaħ: Ejja maħbuba tiegħHi; ejja sabiħa tiegħHi; urini wiċċek, semmagħli leħnek; għax leħnek ħlejju u sbejjaħ wiċċek!

Iva, sabiħ hu l-wiċċ ta' din il-Komunità nisranija; iva, ħelu hu l-leħen tagħha; il-ħlewwa ta' leħinha ilu jwennes lil gżiritna sa minn tlugħ ix-xemx tal-ġustizzja fuq pajjiżna mbierek u daqstant ieħor ilu jdawwal is-sema safi tagħha bis-sbuħija ta' wiċċha!

Din hi l-għanja li tgħaqqad is-sema ma' l-art u l-art mas-sema: l-għanja li tesprimi l-ogħla tifħir lill-Missier li għoġbu "juri u jaqsam imħabbtu" ma' min hu ċkejken u jagħmel minnu wirja, spettaklu tal-qdusija u tal-glorja tiegħHu. Inħalluha toħroġ bla xkiel minn fommna, aħna li bi grazzja konna msejħa sabiex niffurmaw din il-Komunità nisranija, l-għarusa ta' Kristu: l-għanja tar-rebħa:

"Nifraħ fil-Mulej: Taqbeż bil-ferħ ruħi f'Alla tiegħi: għax jien tal-maħbub tiegħi u bil-grazzja tiegħU jien dak li jien." Amen.



# DISKORS TA' MERHBA LI SAR MIS-SUR JOSEPH BORG NHAR IL-HADD 15 TA' FRAR 1998

*"Jien qegħidt il-kuruna fuq ras wieħed qalbieni;*
*ħtart żagħżugħ u għollejtu fuq il-poplu. . . .*
*tkun idi dejjem miegħu, . . . .*
*it-tjieba tiegħi nżommha fuqu għal dejjem,*
*u l-patt tiegħi miegħu jibqa' sħiħ."*
(Mis-Salm 89).

Eċċellenza Reverendissima Monsinjur Nikol Ġuzeppi Cauchi, Wisq Reverendu Monsinjur Dottor Ġużeppi Farrugia, Wisq Reverendi membri tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' San Ġorġ u membri tal-Presbyterium tal-Parroċċa tagħna, Membri tal-Kleru, Onorevoli Segretarju Parlamentari, Onorevoli Membri parlamentari, Sur Sindku u Sinjuri Kunsilliera, ħuti Ġorġjani.

Sebaħ jum il-Mulej kollu dija, jum li qed ilaqqgħana lkoll flimkien, jum ta' ferħ, jum ta' ċelebrazzjoni. Tassew jum sabiħ feġġ għalina, ghalina l-membri tal-komunità parrokkjali ta' San Ġorġ Martri fil-qalba tal-Belt Victoria. Mimlija radd il-ħajr lill-Alla din il-miġemgħa, ħieni b'għajjat ta' ferħ dan il-poplu, rasha fil-għoli bil-qawwa tal-Mulej din il-parroċċa. Din il-miġemgħa għandha għaliex trodd il-hajr lil Alla, dan il-poplu għandu biex jgħajjat bil-ferh, din il-parroċċa mhix rasha merfugħa fil-għoli għalxejn.

Għażiż Dun Ġużepp, mess lili dalgħodu biex f'isem dil-komunità parrokkjali li ġġib l-isem ta' San Ġorġ, nagħtik il-merħba mistħoqqa bħala r-ragħaj spiritwali l-ġdid tagħna. Nagħtik merħba f'isem ħuti ulied din il-parroċċa, mhux għax lilek ma nafukx, mhux għax int dħalt f'dan it-tempju għall-ewwel darba, imma għax int il-qalbieni li ġiet imqegħda l-kuruna fuq rasek, int iż-żgħażugħ maħtur u mgħolli fuqna biex tmexxina, inti li id il-Mulej miegħek, int li t-tieba tiegħu fuqek izommha għal dejjem, int li l-patt tiegħu miegħek jibqa sħiħ. Għalhekk merħba mistħoqqa, merħba mill-qalb, merħba minn niesek, merħba mill-poplu li fih trabbejt, kbirt, issaħħejt fil-fidi, merħba kbira għax il-Mulej li hu l-foħrija tal-qawwa tagħna ħatrek u għolliek fuq dan il-poplu.

Ħares madwarek Dun Ġużepp dalgħodu. Ma ġenbek dak li għażlek biex treġina f'isem il-Mulej, l-Eċċellenza tiegħu Mons. Nikol Cauchi r-ragħaj tad-Djoċesi Għawdxija, dekan u l-ewwel dinjità tal-kapitlu tagħna. Ilmaħ fiħ il-Knisja l-Omm u l-Għalliema tagħna. Kompli kun qaddej fi ħdanha, kif diġa ilek għal dawn l-aħħar għoxrin sena. Għallimna, dewwaqna mill-benna tat-tagħlim ta' Ommna, għinna nħossu ruħna bħala parti mill-Knisja Universali, ħaġa waħda mal-Papa Ġwanni Pawlu t-Tieni. Għallimna nibku magħha fid-dwejjaq u t-tnehid tagħha quddiem l-istess uliedha li ħarbu mill-mergħat tas-sewwa, għallimna nifirħu magħha fil-mixja tagħna ħerqana lejn it-tielet millenju tal-era Kristjana. Agħmel li qalbna tkun tħabbat mal-qalb tagħha.

Kompli ħares madwarek, kif int imdawwar b'kuruna ta' qassisin sħabek li b'ferħ qed ituk merħba. Fosthom, maġenbek, Mons. Salv Borg dak li qed jgħaddilek dan il-poplu t'Alla f'idejk u miegħu Mons. Emanuel Mercieca il-predeċessur tiegħu. Ħares lejhom u kif tara lilhom ftakar fil-passat , f'dawk li ġew qabilhom, il-kappillani ta' din il-Parroċċa Arċi-Matriċi, għal żmien il-parroċċa waħdanija tal-Belt u tal-Għżira Għawdxija. Ħares lejhom u tilmaħ rgħajja li għarfu n-nagħaġ tagħhom, rgħajja li taw ħajjithom għan-nagħaġ tagħhom. Rgħajja li ħabbew din il-komunità parrokkjali, li ndukraw lill-uliedhom fit-tfixkil, li ma ħallewx lill-lupu jaħtafhom u jxerridhom imma li wassluhom għall-mergħat fejn Kristu r-ragħaj it-tajjeb qed jistiednek timxi fuq il-passi tiegħu.

Sħabek is-saċerdoti membri tal-Kapitlu Lateranensi u tal-Presbyterium Parrokkjali flimkien ma saċerdoti oħra, ħbieb tiegħek, qegħdin madwarek ukoll. Magħhom ukoll dawk is-saċerdoti sħabek li qed iservu lill-Knisja f'art barranija. Iridu jwasslulek kelma ta' kuraġġ filwaqt li jwegħduk li ser imiddu jdejjhom flimkien miegħek fil-ħarsien ta' din il-kommunità parrokkjali. It-talba tagħna lill-Alla dalgħodu huwa li tkunu qalb waħda u ruħ waħda bejnietkom biex il-Knisja ta' Kristu tidher aktar bħala l-belt imqiegħda fuq il-muntanja, dawl għad-dinja u l-melħ ta' l-art. Kunu ħaġa waħda bejnietkom għax hekk biss jista'

jidher Kristu fikom- "Kif inti fija, Missier, u jiena fik, ħa jkunu huma wkoll ħaġa waħda fina, biex hekk id-dinja temmen li inti bgħattni" (Gw17,31)

Dun Ġużepp aħna wkoll hawn qegħdin. Ferħana dalgħodu ġejna ntuk merħba, ulied din il-parroċċa mmarkati fuq sidirna bis-sigill tal-martri San Ġorġ, li ressquna fil-bidu ta' ħajjitna lejn dak il-fonti ta' l-ilma ħaj li sqiena u sostniena sal-lum. Dak il-fonti tal-magħmudija li lejħ resaq il-poplu Għawdxi kollu sa mill-qedem, fonti tal-ħajja, fonti li saqqa lil din il-gżira bi Kristu. Fil-magħmudija li rċevejna lkoll ġejna msejjħa biex nilbsu l-kuruna tal-glorja ta' ulied Alla, ġejna maħtura nazzjon qaddis, poplu miksub biex minn tlugħ ix-xemx sa nżulha nfaħħru isem il-Mulej. L-ewwel fostna il-familjari tiegħek, ħutek u l-familji tagħhom. Magħna mis-sema ulied din il-parroċċa qed jagħtuk merħba, fuq quddiem nett missierek u ommok iridu jtiru bil-ferħ.

Seddaq l-għaqda fina l-mizzewġin. Għallimna nifhmu li dak li għaqqad Alla huwa jħarsu u jixħet fuqu l-barka ta' patt li ma jintemm qatt. Għinna nibnu flimkien fuq l-imħabba- l-imħabba li ma tfittixx dak li hu tagħha, li kollox tagħder, kollox tittama, kollox tissaporti, l-imħabba li ma tintemm qatt. Fehmna li l-ħajja li tiġi afdata f'idejna fil-ħolqien ta' ulied ġodda għal Alla hija qaddisa u trid titħares mill-bidu nett tat-tnissil tagħha.

Dun Ġuzepp nafdawlek f'idejk lill-uliedna. Hekk kif kull filgħaxija nħaddanhom miegħi nħossni nifraħ iżda fl-istess ħin taqbadni dieqa kbira. Nifraħ bil-futur sabiħ li hemm lest għalihom, bl-opportunitajiet ta' tagħlim, ta' dinja quddiemhom li kull ma jmur qed tiċkien, ta' jiem mimlija ferħ bl-imħabba li nroxxu fuqhom. Min naħa l-oħra nitwerwer bid-diffikultajiet li jistgħu jiltaqgħu magħhom, ta' dinja materjalista u konsumista, ta' vjolenza u droga u mitt elf periklu ieħor. Aqbdilhom f'idejjhom flimkien magħna u wassalna lkoll fil-post imħejji għalina bħala familja waħda.

Iż-żgħażagħ qed jistennew mingħandek li turijhom id-dawl ta' Kristu. Quddiem l-ewwel deċiżjonijiet kbar tal-ħajja li ġeneralment jittieħdu fiż-żogħżija, quddiem l-ewwel esperjenzi tad-dinja tax-xogħol, quddiem għażliet diffiċli bejn it-tajjeb u l-ħazin, il-grazzja u d-dnub, il-ħajja u l-mewt il-generazzjoni li qegħdha fir-rebbiegħa tagħha tħares lejn il-knisja u tistenna minnha d-dawl biex tagħraf il-Ħallieq u s-Sid tagħha.

Anke l-anzjani għonja bl-esperjenza tal-ħajja qegħdin hawn jagħtuk merħba llum. Kompli saħħaħhom fil-fidi, fit-tama u fl-imħabba. Żgur ukoll li magħqudin magħna dawk li qegħdin f'darhom jew l-isptar, marbuta ma qiegħ ta' sodda, joffru t-tbatija tagħhom biex tisseddaq il-ħidma tiegħek. Jingħaqdu magħna wkoll l-emigranti, min qed isofri xi tbatija, dawk li huma mxekkla b'xi dizabilità, dawk kollha li huma mwaħħda ma Kristu msallab.

Ħaġa waħda u parti sħiħa mill-komunità parrokkjali s-Soċjeta' Filarmonika La Stella li sellmitlek dalgħodu u wasslitek hawn fostna. Mal-komunità parrokkjali twiegħdek l-appoġġ tagħha, mal-komunità parrokkjali tixtieq l-għajnuna tiegħek, mal-komunità parrokkjali tagħtik merħba u tawguralek kull ġid. J'Alla lkoll flimkien nkunu komunità li tisma', komunità li taqdi, komunita li tgħix, komunità li xxandar, komunità li titlob, komunità li tikber, u komunità li tiċċelebra.

Ejjew mela nitolbu fuqek Dun Ġużepp l-għajnuna t'Alla l-Missier l-Iben u l-Ispirtu s-Santu fil-bidu tas-servizz tiegħek fi ħdan din il-komunità. Lilu li qed iwegħdek li idu tkun dejjem miegħek, Lilu li lissen il-kliem li ser isaħħek ukoll bi driegħu, Lilu li qed jgħidlek illi t-tieba tiegħu jżommha fuqek għal dejjem u li l-patt tiegħu miegħek jibqa' sħiħ. Iomma f'qalbek u f'moħħok dejjem li jekk il-Mulej ma jibnix id-dar għalxejn jitħabtu l-bennejja, li jekk il-Mulej ma jħarisx il-belt għalxejn jishar l-għassies.

Ejjew flimkien nitolbu fuqek l-għajnuna ta' Ommna Marija. Hi l-qaddejja tal-Mulej per eċċellenza qed tistiednek tkun bħal binha, li ġie biex jaqdi u mhux biex ikun moqdi. Qed tistiednek biex bħalu tmidd idejk għall-fardal u titbaxxa taħsel riġlejn dawk ta' madwarek. Hawn jien il-Qaddejja tal-Mulej ħa jsir minni skond kelmtek. Iomm ukoll lil San Ġużepp li ġġib ismu fil-viċin tiegħek biex bħalu taqdi lill-Ġesu' fina.

Ejjew flimkien nitolbu fuqek il-protezzjoni ta' San Ġorġ, it-tarka u l-kurazza tagħna. San Ġorġ inti l-istilla kollha dija li dawwalt u saħħart din l-art Għawdxija, kompli ħares din il-komunità parrokkjali li ġġib ismek. San Ġorġ kun ma' Dun Ġużepp, kun magħna, kif int waħħadt demmek ma dak tal-Ħaruf divin, għamel li aħna wkoll nitwaħħdu miegħu biex bi Kristu, ma' Kristu, u fi Kristu inmutu għalina nfusna u għad-dinja, u hekk nirbħu l-kurunu tal-glorja.

*"Jien qegħidt il-kuruna fuq ras wieħed qalbieni;*
*ħtart żagħżugħ u għollejtu fuq il-poplu. . . .*
*tkun idi dejjem miegħu, . . . .*
*it-tjieba tiegħi nżommha fuqu għal dejjem,*
*u l-patt tiegħi miegħu jibqa' sħiħ."*



# Diskors ta' l-Arċipriet il-Ġdid Mons Ġużeppi Farrugia

fi tmiem il-

## Konċelebrazzjoni Solenni

preseduta minn

## Mons Isqof Nikol Ġ. Cauchi li fiha ngħata l-Pussess ta' Arċipriet, nhar il-Ħadd 15 ta' Frar 1998

Eċċ. Rev.ma Mons. Nikol Cauchi, Isqof t'Għawdex u Dekan ta' din il-Kolleġġjata Urbana,

Wisq Rev. Arċiprieti Emeriti Mons. Emanuel Mercieca u Mons. Salv Borg,

Wisq Rev. Sinjuri u Rev. Sinjuri Konċelebranti li miegħi tiffurmaw il-Kapitlu ta' din il-Kolleġġjata Lateranensi u l-Presbyterium ta' din il-Parroċċa xxurtjata bikom..... kif ukoll intom li ġejtu minn Presbyteria u Komunitajiet Reliġjużi oħra u li bil-preżenza meqjuma tagħkom ridtu tiċċelebraw din il-liturġija magħna,

Sinjuri mistednin distinti u ħbieb speċjali tagħna li bil-preżenza tagħkom ridtu tonorawna u titolbu magħna,

U fuq kollox INTOM, ħuti Nsara, li flimkien miegħi, u jiena flimkien magħkom, insawru l-Komunità Nisranija tal-Kbir u Glorjuż Martri San Ġorġ f'din il-Belt Victoria: Henjin aħna! Henjin aħna li aħna hawn. Henjin aħna li nistgħu nifirħu bil-Fidi Kattolika tagħna, henjin aħna li aħna mistagħna biha, henjin aħna li llum qed niċċelebrawha. U henjin aħna li qed niċċelebrawha hawn!

Hawn! F'dan l-imkien sa mill-qedem imqaddes minn Alla l-Imbierek bil-preżenza misterjuża tiegħu, bil-Kelma rivelatriċi tiegħu u bl-imħabba feddejja tiegħu.

Hawn! F'din il-parroċċa li, sa mill-bidu tal-Vanġelu f'pajjiżna, ġabret fi ħdanha l-familja Nisranija ta' din il-gżira biex tkenninha, tħarisha, tgħallimha, tfarragħa, tmexxiha u tberikha bil-wirt tas-sema.

Hawn! F'din il-Bażilika ta' splendur li ma bħalu, li xxandar is-sebħ ta' Alla fil-qdusija tal-magħżulin tiegħu, fil-ġmiel tal-qaddisin tiegħu u fuq kollox fil-glorja tar-rebbieħa tiegħu. U fost dawn ir-rebbieħa intom tafu f'min teħbirli ruħi!

Iva, hienja intom u hieni jien li ninsab hawn. Hawn fejn jiena, bħal bosta minnkom, tgħallimt niċċelebra l-Ħajja Nisranija, ġejt mogħni bid-don tagħha u nista' nifraħ biha.

Tabilħaqq, sa minn ċkuniti ġejt mgħallem inħossni xxurtjat li twelidt u trabbejt fi ħdan din il-Komunità Parrokkjali. Nifraħ waqt li niftakar dan, u nixhed għalih. Imma llum, mal-ferħ inżid ir-radd ta' ħajr lil Ala, li din il-Komunità Nisranija li fi ħdanha u permezz tagħha rċivejt id-don tal-ħajja ta' Kristu, ġejt imsejjaħ biex inserviha bħala ministru ewlieni għaliha ta' l-imħabba divina.

Din il-Komunità Nisranija li fi ħdanha u permezz tagħha smajt u tgħallimt il-Vanġelu ta' Sidna Ġesu' Kristu, ġejt imsejjaħ, bla ma jistħoqqli, biex inkun għaliha Xandar ewlieni tal-Verita' Eterna li ddawwal kull verita' oħra tagħna l-bnedmin.

Din il-Komunità Nisranija li magħha mxejt u qed nimxi t-triq tas-Saltna, ġejt imsejjaħ b'sejħa mmeritata, biex inkun ir-ragħaj ewlieni li jiggwidaha fil-mixja tagħha lejn il-mergħat tas-sema fejn jinsab il-ġejjieni tagħna.

Nifraħ li jiena iben din il-Komunità Nisranija u nitlob biex bl-interċessjoni ta' l-Immakulata u Mbierka l-Verġni Marija u ta' San Ġorġ, inkun ministru, għalliem u ragħaj denn ta' l-imħabba li Alla għandu għaliha.

Inti, Eċċ. Rev.ma, għoġbok tagħżilni u taħtarni biex inkun il-kollaboratur ewlieni tiegħek fi ħdan din il-Komunità Parrokkjali, inti li skond is-seċċessjoni apostolika, inti r-Ragħaj il-Kbir tal-Merħla Nisranija f'din il-gżira. Inwiegħdek mill-ġdid, quddiem dawn ħuti, u jekk meħtieġ bi twissija għalihom, li jiena ser nagħmel ħilti sabiex inkun fidil lejn dan l-impenn tiegħi għall-Insara li jgħixu f'din ir-roqgħa art li fiha jgħixu l-Insara tal-Parroċċa ta' San Ġorġ.

F'din ir-roqgħa art, nafu, jgħixu wkoll l-Insara tal-Parroċċa ġara li għandha lill-Glorjuża Marija Assunta bħala l-Patruna għażiża tagħha. Fostna hawn jinsab preżenti, b'ferħ tiegħi, il-Wisq Rev. Mons. Arċipriet tagħha. Jiena u Mons. Arċipriet ser naħdmu flimkien - ma jistax u m'għandux ikun mod ieħor - b'risq il-Fidi Nisranija f'din il-Belt, għall-ġid ta' l-erwieħ fdati f'idejna u għall-avvanz tal-Knisja f'pajjiżna. Ix-xewqa tiegħi, kif inti meqjum ħija fi Kristu diġa' taf, hi li nitgħallmu flimkien, nitolbu flimkien u naħdmu flimkien bla ma nippretendu li nnaqqsu xejn minn dak li aħna rispettivament nemmnu li aħna. Dan hu, ħuti, dan hu li jistenna minna Mons. Isqof, dan hu li jrid Alla minna u

dan hu ta' l-akbar ġid spiritwali għalina lkoll.

U intom, ħuti Nsara, li qiegħdin tisimgħuni, kif ukoll intom li m'intomx preżenti: Ibqgħu ċerti li ser nagħmel ħilti għalikom. Intom li diġa' nafkom personalment jew li għadni rrid nitgħallem isimkom, intom li toqgħodu fi djarkom qaqoċċa madwar din il-knisja parrokkjali jew li toqgħodu daqsxejn aktar 'il bogħod fit-territorju parrokkjali ċkejken tagħħa; intom li tinsabu morda fi djarkom, sofferenti jekk mhux ukoll abbandunati; intom li l-enerġija ta' żgħożitkom tagħmilkom bħar-riħ li jisfida kull irbit u jisfronda kull mogħdija u li tridu u tixtiequ komprensjoni u spazju biex tkunu dak li tixtiequ tkunu intom; intom il-miżżewġin li, minkejja d-diffikultajiet li ma jonqsu qatt, tinsabu kuntenti b'xulxin jew, kif qed jiġri f'ħafna djar, qed tgħixu żmien ta' inkwiet, niket u qtigħ il-qalb; intom ilkoll ibqgħu ċerti li jiena ser nagħmel l-almu tiegħi kollu biex, bil-għajnuna tal-grazzja, inkun għalikom ragħaj spiritwali skond il-qalb t'Alla.

Intenni! Ftit huma dawk fostkom li nista' ngħajtilhom b'isimhom. Iftet huma dawk fostkom li dħalt fi djarhom. U terġa', inqas huma dawk fostkom li għandi x-xorti nkun nafkom biex nifraħ magħkom fil-ferħat tagħkom, infarraġkom fin-niket tagħkom, ngħinkom fit-toqol tal-ħajja tagħkom, inżurkom fil-mard tagħkom.

Imma nwiegħdkom li bil-għajnuna t'Alla, għad insir nafkom; jekk jogħġobkom tilqgħuni ser niġi fi djarkom, u l-ismijiet tagħkom ser nitgħallimhom.

Ħasra li mhux kollha jisimkom Ġorġ u Ġorġa! Kulħadd xortih fid-dinja! Jiena tabilħaq ferħan b'ismi - isem li jfakkarni f'San Ġużepp qaddis setgħan u privileġġat, imma li kieku l-ġenituri/parrini żiedu miegħu dak ta' San Ġorġ... Ara, pero' taħsbu li jiena nħossni fqir: għax b'xorti kbira tiegħi ( u ta' bosta minnkom li tinsabu hawn, li tgħixu f'Malta u Għawdex u emigranti f'pajjiżi oħra) San Ġorġ jekk mhux f'isimna, jinsab b'xorti kbira tagħna, f'qalbna u f'ruħna.

San Ġorġ: Kemm hu sabieħ dan ismek u kemm hu kbir! Isem ta' ġmiel. Isem li ħabbu Alla l-ewwel, u wara li saffieh bil-grazzja tiegħu, ma żammux biss għalih - għall-glorja tiegħu, iżda tah ukoll lilna biex iżejjinna bih!

Isem tal-bieraħ! Isem tallum! Isem ta' dejjem! Isem tas-sema li ġmielu jsebbaħ ġenna u fl-istess waqt isem ta' l-art ħa jwennes il-qalb tagħna.

Isem li jgħid għeġubijiet. Isem għażiż, kelma li timla l-qalb, misteru li nifhmuh għax tifhmu mħabbitna.

Għall-imħabba tiegħi lejk, San Ġorġ, ieqaf miegħi f'dan il-ministeru li qed nagħti bidu għalih. Iva, għall-imħabba tiegħi lejk San Ġorġ, għall-imħabba tagħna lkoll lejk.... imma fuq kollox għall-imħabba tiegħek lejna.Diġa doqniha mħabbtek. Sa miż-żminijiet imbiegħda tfarraġna. U nafu li għadha u ser tibqa magħna.

Din hi l-ewwel talba tiegħi lejk bħala Arċipriet tal-Komunità Nisranija li hi xxurtjata bil-misteru tiegħek, u din ser tkun it-talba ta' dejjem tiegħi. Ibqa' ħobbna San Ġorġ: Ibqa' San Ġorġ ħobb il-Knisja ta' Kristu li għalih ċarċart demmek. Ibqa' San Ġorġ, ħobb il-gżira tagħna li fuqha sawwabt il-ġenerożita' tiegħek. Ibqa' San Ġorġ ħobb lilna, il-Komunità Nisranija li hi sinjuri bik u titgħaxxaq b'ismek.

Ismek, San Ġorġ: il-glorja ta' Kristu ... u l-glorja tagħna!


Pellegrinaġġ ieħor
għal
# LOURDES
## IL-BELT TAL-MADONNA

**Mit-Tnejn 3 ta' Awissu sas-Sibt 8 ta' Awissu 1998**

*~ Baqa' ftit postijiet biss ~*



*Imexxi dan il-Pellegrinaġġ*
**Mons Salv Borg,**
*Arċipriet Emeritus*

## Tfal li rċievew L-EWWEL TQARBINA fil-Bażilika ta' San Ġorġ – 9 ta' Mejju 1998



■ **SUBIEN**

Agius Charlon, Apap Matthew, Attard Andrew, Borg Francis Joseph, Borg Matthew, Bugeja Derek, Camilleri Calvin, Caruana Chris, Cassar Christian, Cutajar Michael Josef, Debono Christian, Farrugia Oliver, Farrugia Muscat Michael George, Gauchi Kurt, Grima Ryan Mario, Grima Silvio, Mercieca Edward, Mercieca Ray Charles, Micallef David, Pace Christopher, Saliba Joseph, Saliba Oliver, Schembri Christian, Spiteri Marlon, Theuma Joe Anthony, Vella Warren, Xerri Brendon.

■ **BNIET**

Agius Philippa, Attard Francesca, Attard Judie, Attard Raissa, Azzopardi Joelene, Borg Dorita, Borg Nicholine, Borg Nicole`, Bugeja Charmaine, Busuttil Jennifer, Buttigieg Dorianne, Buttigieg Liliana, Cauchi Charlene, Cini Corinne, Cini Marthese, Curmi Christiana, Debono Stephanie, Ellis Nyam, Farrugia Jessica, Farrugia Taramarie, Gafa` Joelene, Galea Claire, Grech Samara, Portelli Joanna, Saliba Anthea, Saliba Rosemarie, Scicluna Caroline, Tabone Christine, Tabone Marness, Theuma Xerri Marthese



## Tfal li rċievew IL-GRIŻMA TA' L-ISQOF fil-Bażilika ta' San Ġorġ – 11 ta' Mejju 1998



■ **SUBIEN**

Attard Daniel, Attard George Mario, Borg Joseph, Borg Mario, Bowker Daniel, Buttigieg Tonio, Cassar Noah George, Cauchi Jurgen, Cini Antoine, Cordina Keith, Farrugia Jamie, Fenech David Mario, Gafa` Christopher, Galea George, Gatt Jason, Gatt Robert, Gatt Simon, Grech Roderick, Mercieca Mario, Muscat Joseph, Portelli Daniel, Sacco George, Saliba Christopher, Spiteri Charles, Spiteri Clinton, Tabone Joseph, Tabone Michael, Tabone Robert, Theuma Adrian, Vassallo David, Xuereb Steve, Bugeja Michael, Camilleri Matthew, Rodrick Schembri.

■ **BNIET**

Asciak Elaine, Attard Marilyn, Attard Ramona, Bezzina Roberta, Borg Deborah, Borg Pauline, Buttigieg Leanne, Cachia Anita-Jane, Farrugia Catherine-Joe, Farrugia Olivia, Farrugia Veronica Ann, Fenech Krystle, Gauci Tanya Georgette, Haber Joscelin, Mercieca Elena, Mercieca Joanna, Peresso Ylenia, Portelli Anita, Portelli Noemi, Rapa Maureen, Said Amanda, Sacco Maria, Saliba Cynthia, Saliba Lorna, Saliba Miriam, Theuma Miriam, Vella Josianne, Vella Suzanne, Xerri Romina.



Il-Board Editorjali ta' ***IL-BELT VICTORIA*** jixtieq jirringrazzja lis-Sur Joseph Mizzi ta' *Mizzi Design & Graphic Services* tal-logo ġdid bil-kulur li ddisinja u pproduċa għal din ir-rivista, u li qed jidher għall-ewwel darba f'din il-ħarġa speċjali.



A+M PRINTING LTD. - 553217